

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 86

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

31 ta' Marzu 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja

REGOLAMENTI

- ★ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 ta' 11 Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karatteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tal-irrapportar doppju għan-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev. 2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji ⁽¹⁾ 1
- ★ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 ta' 11 Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta' dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati ma' l-attività (CPA) ⁽¹⁾ 170

Prezz: 38 EUR

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 250/2009

ta' 11 Marzu 2009

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karatteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tal-irrapportar doppju għan-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev. 2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika strutturali kummerċjali⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1)(a), (c), (d) u (e) tiegħu,

elenkati fl-Annessi I sa IX għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 sabiex tiġi prodotta dejta paragonabbli u armonizzata bejn l-Istati Membri, biex jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji fit-trażmissjoni tad-dejta u biex tiżdied il-ħeffa li biha d-dejta miġbura tista' tiġi pproċessata u titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-utenti.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97⁽²⁾ stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika tal-Komunità fuq l-istruttura, l-attività, il-kompetittività u l-ħidma tal-kummerċ fil-Komunità. Għal raġunijiet ta' ċarezza u razzjonalizzazzjoni dak ir-Regolament reġa' fformulat, b'emendi sostanzjali għal dispożizzjonijiet varji.
- (2) Il-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98 dwar id-definizzjonijiet ta' karatteristiċi għall-istatistika strutturali dwar il-kummerċ⁽³⁾ u (KE) Nru 2702/98 li jikkonċerna l-format tekniku għat-trażmissjoni tal-istatistika strutturali tal-kummerċ⁽⁴⁾ għandhom jiġu emendati sabiex jitqiesu dawk l-emendi. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dawn għandhom ikunu ssostitwiti b'dan ir-Regolament.
- (3) Jeħtieġ li jkunu ddefiniti l-karatteristiċi għall-istatistika strutturali tan-negozji sabiex tiġi prodotta dejta paragonabbli u armonizzata bejn l-Istati Membri.
- (4) Jeħtieġ ukoll li jiġi speċifikat il-format tekniku u l-proċedura għat-trażmissjoni tal-istatistika strutturali tan-negozji

- (5) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti tal-irrapportar doppju tal-istatistika strutturali tan-negozji skont in-NACE Rev.1.1 flimkien mal-istatistika meħtieġa skont in-NACE Rev.2 għas-sena ta' referenza 2008.
- (6) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 295/2008 jipprovdi li matul il-perjodi tranżitorji jistgħu jiġu aċċettati derogi mid-dispożizzjonijiet tal-Annessi għal dan ir-Regolament.
- (7) Xi Stati Membri talbu għal derogi għall-perjodi tranżitorji minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Annessi I, II, III, VIII u IX għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 sabiex jistabbilixxu sistemi meħtieġa għall-ġbir tad-dejta jew jadattaw dawk eżistenti biex sat-tmien tal-perjodi tranżitorji d-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament ikunu ġew issodisfati.
- (8) Jidher iġġustifikat li jingħataw dawk id-derogi, billi t-talbiet tal-Istati Membri huma bbażati fuq il-ħtieġa leġittima li jadattaw ulterjorment is-sistemi tagħhom tal-ġbir tad-dejta.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku,

⁽¹⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13-59.

⁽²⁾ ĠU L 14, 17.1.1997, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 344, 18.12.1998, p. 49.

⁽⁴⁾ ĠU L 344, 18.12.1998, p. 102.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-karatteristiċi msemmija fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 295/2008 għandhom ikunu kif definiti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Meta ssir referenza f'dawn id-definizzjonijiet għall-kontijiet tal-kumpaniji, dawn ikunu meqjusa li qegħdin jirreferu għall-intestaturi stipulati fl-Artikolu 9 (il-Karta tal-Bilanċ), l-Artikolu 23 (il-Kont tal-qligħ u t-telf) jew l-Artikolu 43 (noti dwar il-kontijiet) tar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji ⁽¹⁾ kif ukoll għall-intestaturi stipulati fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003 ⁽²⁾.

Artikolu 2

Il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 295/2008 għandu jkun hekk kif stipulat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Id-dejta u l-metadejta trażmessa skont dan ir-Regolament għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) f'forma elettronika minn Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (Uffiċċji u Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika li jissorveljaw ċerti istituzzjonijiet finanzjarji). Il-format tat-trażmissjoni għandu jkun konformi ma' standards ta' skambju xierqa speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-dejta għandha tkun trażmessa jew intellgħa b'mezzi elettroniċi għall-punt ta' aċċess uniku għad-dejta għand il-Kummissjoni (Eurostat).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, ta' 11 Marzu 2009

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-istandards ta' skambju u l-linji gwida pprovduti mill-Kummissjoni (Eurostat) skont ir-reqwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Ir-reqwiżiti tal-irrapportar doppju kif imsemmija fil-punt 2 tat-Taqsima 9, tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 għandhom ikunu hekk kif stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Derogi mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 295/2008 kif imsemmija fl-Anness I, Taqsima 11, l-Anness II, Taqsima 10, l-Anness III, Taqsima 9, l-Anness VIII, Taqsima 8 u l-Anness IX, Taqsima 13 għal dak ir-Regolament għandhom jingħataw kif speċifikat fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Ir-Regolamenti (KE) Nru 2700/98 u (KE) Nru 2702/98 huma għalhekk revokati.

Madankollu, huma jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-ġbir, il-kompilazzjoni u t-trażmissjoni tad-dejta għas-snin ta' referenza sa u inkluża l-2007.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 261, 13.10.2003, p. 1.

ANNEX I

DEFINIZZJONIJIET TAL-KARATTERISTIĊI

Kodiċi: 11 11 0

Isem: Numru ta' impriżi

Anness: I sa VIII

Definizzjoni

L-għadd tan-numru ta' impriżi tas-suq kif definit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 696/93 ⁽¹⁾ irreġistrat għall-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkorreġut mill-iżbalji, b'mod partikolari żbalji ta' reġistrazzjoni. Għandhom jiġu inklużi biss l-unitajiet attivi li kellhom fatturat jew impjegji fi kwalunkwe żmien matul il-perjodu ta' referenza. Jiġu esklużi l-unitajiet weqfin (inattivi temporarjament) u l-unitajiet inattivi. Din l-istatistika għandha tinkludi l-unitajiet kollha li kienu attivi matul mill-inqas parti mill-perjodu ta' referenza. Din tinkludi wkoll unitajiet lokali (fergħat) li ma jikkostitwixxux entità legali separata u li huma dipendenti fuq impriżi barranin ħlief għall-attivitajiet koperti mill-Anness V għar-Regolament Nru 295/2008. Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 din il-karatteristika għandha tkun limitata għan-numru ta' impriżi stabbiliti skont il-liġi tal-pajjiż tal-irrapportar u fergħat ta' impriżi bl-uffiċċju ewlieni f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE. Għall-impriżi ta' riassigurazzjoni, ma jiġux irreġistrati ebda fergħat ta' impriżi b'uffiċċji prinċipali f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE. Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 din il-karatteristika għandha tinkludi wkoll fondi tal-pensjonijiet li ma jimpjegawx persunal. Din għandha tinkludi wkoll fondi tal-pensjonijiet li mhumiex stabbiliti bħala entitajiet legali u li huma mmexxja minn kumpaniji tal-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet, impriżi tal-assigurazzjoni jew istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (madankollu mingħajr ma jkunu koperti mill-kontijiet annwali ta' dawn l-istituzzjonijiet). Din il-karatteristika madankollu ma għandhiex tinkludi n-numru ta' fondi tal-pensjonijiet li mhumiex stabbiliti separatament mill-impriżi jew il-kummerċ li jisponsorjaw (jiġifieri l-fondi tal-pensjonijiet mhux awtonomi jew is-sistema ta' riżerva normalment amministrata bħala attività anċillari minn min iħaddem).

Kodiċi: 11 11 1

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont l-istatus legali

Anness: V u VI

Definizzjoni:

In-numru ta' impriżi (ara l-varjabbli 11 11 0) huwa mqassam skont l-istatus legali;

Rabta ma' varjabbli oħrajn

"Numru ta' impriżi mqassma skont l-istatus legali" hija tqassim ulterjuri tan-numru ta' impriżi (11 11 0).

Kodiċi: 11 11 2

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont il-klassi tad-daqs tal-primjums gross miktuba

Anness: V

Definizzjoni:

In-numru ta' impriżi (ara l-varjabbli 11 11 0) imqassma skont il-klassijiet tad-daqs tal-primjums gross miktuba.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' impriżi mqassma skont il-klassi tad-daqs tal-primjums gross miktuba hija tqassim ulterjuri tan-numru ta' impriżi (11 11 0).

Kodiċi: 11 11 3

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont il-klassi tad-daqs ta' dispożizzjonijiet tekniċi grossi

Anness: V

Definizzjoni:

In-numru ta' impriżi (ara l-varjabbli 11 11 0) huwa mqassam skont il-klassijiet tad-daqs ta' dispożizzjonijiet tekniċi grossi.

⁽¹⁾ ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' impriżi mqassma skont il-klassi tad-daqs ta' dispożizzjonijiet tekniċi grossi huwa tqassim ulterjuri tan-numru ta' impriżi (11 11 0).

Kodiċi: 11 11 4

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont ir-residenza tal-impriża ewlenija

Anness: VI

Definizzjoni:

"Impriża ewlenija" għandha tfisser impriża ewlenija kif definita fl-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ⁽¹⁾ bbażata fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati u kwalunkwe impriża li, fl-opinjoni tal-awtorità rilevanti ta' sorveljanza, teżerċita effettivament influwenza dominanti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu.

Għandu jintuża t-tqassim ġeografiku li ġej tal-impriżi ewlenijin: impriża ewlenija li tinsab fl-Istat Membru (l-impriża osservata tista' titqies bħala kkontrollata b'mod domestiku), impriża ewlenija li tinsab f'pajjiżi oħrajn (l-impriża osservata tista' titqies bħala kkontrollata minn barra). Il-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu b'uffiċċju ewlieni f'pajjiż ieħor li mhux il-pajjiż tal-irrapportar ma għandhom ebda impriża ewlenija. Dawn l-impriżi mhumiex ikkunsidrati hawnhekk. L-unità istituzzjonali ahħarja li tikkontrolla kif definita fir-Regolament Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ huwa l-kunċett preferut li għandu jiġi segwit kemm jista' jkun possibbli.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

'Numru ta' impriżi mqassma skont ir-residenza tal-impriża ewlenija' huwa parti min-numru ta' impriżi (11 11 0).

Kodiċi: 11 11 5

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont il-pajjiż ta' residenza tal-impriża ewlenija

Anness: V

Definizzjoni:

'Impriża ewlenija' għandha tfisser impriża ewlenija fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1 (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 bbażata fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati, u kwalunkwe impriża li, fl-opinjoni tal-awtorità rilevanti ta' sorveljanza, effettivament teżerċita influwenza dominanti fuq l-impriża tal-assigurazzjoni.

Għandu jintuża t-tqassim ġeografiku li ġej ta' impriżi ewlenijin: impriża ewlenija li tinsab fl-Istat Membru (l-impriża osservata tista' titqies bħala kkontrollata b'mod domestiku), impriża ewlenija li tinsab f'pajjiżi oħrajn (l-impriża osservata tista' titqies bħala kkontrollata minn barra). Billi impriżi u fergħat reċiproċi ta' impriżi tal-assigurazzjoni b'uffiċċju ewlieni f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE ma għandhom ebda impriża ewlenija, dawn l-impriżi mhumiex ikkunsidrati hawnhekk. L-unità istituzzjonali ahħarja li tikkontrolla kif definita fir-Regolament Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija l-kunċett preferut li għandu jiġi segwit kemm jista' jkun possibbli.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

'Numru ta' impriżi skont ir-residenza tal-impriża ewlenija huwa parti min-numru ta' impriżi (11 11 0)

Kodiċi: 11 11 6

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont il-klassijiet tad-daqs tat-total tal-karta tal-bilanċ

Anness: VI

Definizzjoni:

In-numru ta' impriżi (ara l-varjabbli 11 11 0) huwa mqassam skont il-klassijiet tad-daqs tat-total tal-karta tal-bilanċ. Jiġi ikkunsidrat it-total tal-karta tal-bilanċ fit-tmiem is-sena tal-kontabilità (ara l-varjabbli 43 30 0).

⁽¹⁾ ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 171, 29.6.2007, p. 17

Rabta ma' varjabbli oħrajn

'Numru ta' impriżi mqassma skont il-klassijiet tad-daqs tat-total tal-karta tal-bilanċ' huwa tqassim ulterjuri tan-numru ta' impriżi (11 11 0).

Kodiċi: 11 11 7

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

Anness: VI

Definizzjoni:

In-numru ta' impriżi (ara l-varjabbli 11 11 0) huwa mqassam skont il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu hekk kif ġejj: banek liċenzjati, istituzzjonijiet speċjalizzati li jagħtu l-kreditu, istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

'Numru ta' impriżi mqassma skont il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu' huwa tqassim ulterjuri tan-numru ta' impriżi (11 11 0).

Kodiċi: 11 11 8

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont id-daqs tal-investimenti

Anness: VII

Definizzjoni:

In-numru ta' impriżi kif definiti fil-varjabbli 11 11 0 imqassma skont il-klassijiet tad-daqs tal-investimenti, dawn huma l-investimenti koperti mill-varjabbli 48 10 0 jew 48 10 4, jiġifieri investimenti total b'valur tas-suq.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli 'Numru ta' impriżi mqassma skont id-daqs tal-investimenti' (11 11 8) huwa tqassim ulterjuri tal-varjabbli 'Numru ta' impriżi' (11 11 0).

Kodiċi: 11 11 9

Isem: Numru ta' impriżi mqassma skont il-klassijiet tad-daqs tal-membri

Anness: VII

Definizzjoni:

In-numru ta' impriżi kif definiti fil-varjabbli 11 11 0 mqassma skont il-klassijiet tad-daqs tal-membri, dawn huma l-membri definiti fil-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0).

Nota: Għandu jiġi kkunsidrat in-numru ta' membri fit-tmiem tas-sena tal-kontabilità.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli 'Numru ta' impriżi mqassma skont il-klassijiet tad-daqs tal-membri' (11 11 9) huwa tqassim ulterjuri tal-varjabbli 'Numru ta' impriżi' (11 11 0).

Kodiċi: 11 15 0

Isem: Numru ta' impriżi b'fondi tal-pensjonijiet mhux awtonomi

Anness: VII

Definizzjoni:

Dan il-varjabbli jirrigwarda n-numru ta' impriżi li jikkostitwixxu r-riżervi għall-ħlas ta' pensjonijiet lill-impjegati tagħhom. Il-gejstjoni tal-fond tal-pensjonijiet mhux awtonomu hija attività anċillari għal dawn l-impriżi.

Kodiċi: 11 21 0

Isem: Numru ta' unitajiet lokali

Anness: I sa IV u VI

Definizzjoni

L-għadd tan-numru ta' unitajiet lokali kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill Nru 696/93 irreġistrat għall-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkorreġut mill-iżbalji, b'mod partikolari iżbalji ta' reġistrazzjoni. Għandhom jiġu inklużi unitajiet lokali anke jekk ma għandhomx impjegati mħallsin. Din l-istatistika għandha tinkludi l-unitajiet kollha attivi waqt mill-inqas parti mill-perjodu ta' referenza.

Kodiċi: 11 31 0

Isem: Numru ta' unitajiet ta' tip ta' attività

Anness: II u IV

Definizzjoni

L-għadd tan-numru ta' unitajiet ta' tip ta' attività kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill Nru 696/93 irreġistrat għall-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkorreġut mill-iżbalji, b'mod partikolari iżbalji ta' reġistrazzjoni, jew stima jekk dan it-tip ta' unità mhux irreġistrat. Din l-istatistika għandha tinkludi l-attivitàjiet kollha attivi matul mill-inqas parti mill-perjodu ta' referenza.

Kodiċi: 11 41 0

Isem: Numru total u post tal-fergħat f'pajjiżi oħrajn

Anness: V

Definizzjoni:

Fergħa kif definita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 (it-Tielet Direttiva dwar Assigurazzjoni Mhux tal-Ħajja) ⁽¹⁾ u l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE tal-10 ta' Novembru 1992 (it-Tielet Direttiva dwar Assigurazzjoni tal-Ħajja) ⁽²⁾. Għandu jintuża t-tqassim ġeografiku li ġej tan-numru ta' fergħat barra mill-pajjiż: kull Stat Membru waħdieni ieħor, pajjiżi oħrajn taż-ŻEE, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, il-Ġappun, pajjiżi terzi oħrajn (il-kumplament tad-dinja).

Kodiċi: 11 41 1

Isem: Numru totali ta' fergħat imqassmin skont il-post f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE

Anness: VI

Definizzjoni:

"Fergħa" hija ddefinita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/646/KEE ⁽³⁾ tal-15 ta' Diċembru 1989 u hija ddetaljata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-libertà ta' provvediment ta' servizzi u dwar l-interess tal-ġid ġenerali fit-Tieni Direttiva tal-Ibbankjar (95/C 291/06).

Għandu jintuża t-tqassim ġeografiku li ġej tan-numru ta' fergħat barra mill-pajjiż: l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, il-Ġappun, pajjiżi terzi (il-kumplament tad-dinja).

Nota: Għandhom jiġu kkunsidrati l-fergħat attivi kollha f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE notifikati mill-Istati Membru tal-post tal-istituzzjoni tal-kreditu.

Kodiċi: 11 51 0

Isem: Numru totali ta' kumpaniji sussidjarji finanzjarji mqassmin skont il-post f'pajjiżi oħrajn

Anness: VI

Definizzjoni:

"Kumpanija sussidjarja" għandha tfisser impriża sussidjarja kif definita fl-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati. Għandhom jiġu inklużi l-impriżi kollha li huma fl-ambitu ta' impriżi ta' servizzi finanzjarji (kif definiti fil-kapitlu 1.3 tal-manwal metodoloġiku għall-istatistika dwar istituzzjonijiet ta' kreditu.

Nota: Għandu jintuża t-tqassim ġeografiku li ġej ta' kumpaniji sussidjarji: Kull Stat Membru waħdieni ieħor, pajjiżi oħrajn taż-ŻEE, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, il-Ġappun, pajjiżi terzi (il-kumplament tad-dinja). Għandu jitqies biss l-ewwel livell ta' kumpaniji sussidjarji.

⁽¹⁾ ĠU L 311, 14.11.1997, p. 35

⁽²⁾ ĠU L 360, 9.12.1992, p. 1

⁽³⁾ ĠU L 386, 30.12.1989, p. 1

Kodiċi: 11 61 0

Isem: Numru ta' skemi tal-pensjonijiet

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli għandha tinkludi n-numru totali ta' skemi tal-pensjonijiet taħt l-amministrazzjoni tal-fondi tal-pensjonijiet. Skema tal-pensjonijiet hija bbażata fuq ftehim, ġeneralment bejn imsieħba soċjali, li jistipula liema benefiċċji tal-irtirar għandhom jingħataw u taħt liema kundizzjonijiet.

Kodiċi: 11 91 0

Isem: Popolazzjoni ta' impriżi attivi ft

Anness: IX

Definizzjoni

L-għadd ta' impriżi tas-suq li kellhom fatturat jew impjeggi fi kwalunkwe żmien matul perjodi ta' referenza speċifiku.

Kodiċi: 11 92 0

Isem: Numru ta' twelid ta' impriżi ft

Anness: IX

Definizzjoni

L-għadd tan-numru ta' twelid ta' impriżi tas-suq irregiſtrat għall-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkorreġut mill-iżbalji. Twelid tfisser il-ħolqien ta' taħlita ta' fatturi ta' produzzjoni bir-restrizzjoni li ebda impriża oħra ma tkun involuta fl-avveniment. Twelid ma jinkludix dħul fil-popolazzjoni minħabba amalgamazzjonijiet, frid, separazzjoni jew ristrutturar ta' sett ta' impriżi. Huwa ma jinkludix dħul f'popolazzjoni sekondarja li jirriżulta biss minn bidla fl-attività.

Kodiċi: 11 93 0

Isem: Numru ta' mwiet ta' impriżi ft

Anness: IX

Definizzjoni

L-għadd tan-numru ta' mwiet ta' impriżi tas-suq irregiſtrati għall-popolazzjoni kkonċernata fir-reġistru tan-negozji kkorreġut mill-iżbalji. Mewt ifisser ix-xoljiment ta' taħlita ta' fatturi ta' produzzjoni bir-restrizzjoni li ebda impriża oħra ma tkun involuta fl-avveniment. Imwiet ma jinkludux ħruġ mill-popolazzjoni minħabba amalgamazzjonijiet, teħid ta' kontroll, frid jew ristrutturar ta' sett ta' impriżi. Dan ma jinkludix ħruġ minn popolazzjoni sekondarja li jirriżulta biss minn bidla fl-attività.

Kodiċi: 11 94 1

Isem: Numru ta' impriżi li għadhom kif twieldu ft-1 u li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 11 94 2

Isem: Numru ta' impriżi li għadhom kif twieldu ft-2 u li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 11 94 3

Isem: Numru ta' impriżi li għadhom kif twieldu ft-3 u li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 11 94 4

Isem: Numru ta' impriżi li għadhom kif twieldu ft-4 u li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 11 94 5

Isem: Numru ta' impriżi li għadhom kif twieldu ft-5 u li baqgħu jeżistu wara t

Anness: IX

Definizzjoni

Is-sopravivenza ta' impriża kif imsemmija f'dawn il-karatteristiċi sseħħ jekk impriża hija attiva f'termini ta' impjeggi u/jew valur ta' bejgħ fis-sena tat-twelid u s-sena(snin) ta' wara. Tista' ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' sopravivenza:

- 1) Impriża li twieldet fis-sena t-1 hija meqjusa li baqgħet teżisti fis-sena t jekk hija attiva f'termini ta' valur ta' bejgħ u/jew impjeggi fi kwalunkwe parti tas-sena t (=sopravivenza mingħajr bidliet).
- 2) Impriża hija wkoll ikkunsidrata li baqgħet teżisti jekk l-unità(unitajiet) legali marbuta magħha waqfet li tibqa' attiva, iżda l-attività tagħha ttieħdet taħt kontroll minn unità legali ġdida mwaqqfa speċifikament biex tieħu kontroll tal-fatturi ta' produzzjoni ta' dik l-impriża (=sopravivenza bit-teħid ta' kontroll).

Kodiċi: 12 11 0

Isem: Valur ta' bejgħ

Anness: I sa V, VII u VIII

Definizzjoni

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV u VIII għar-Regolament (KE) 295/2008 ħliet għall-attivitajiet ikklassifikati fin-NACE Rev.2 Taqsima K il-valur ta' bejgħ jinkludi t-totali b'fattura mill-unità ta' osservazzjoni matul il-perjodu ta' referenza, u dan jikkorrispondi għall-bejgħ fis-suq ta' oġġetti jew servizzi pprovduti minn partijiet terzi. Il-bejgħ ta' oġġetti jinkludi l-oġġetti prodotti mill-impriża kif ukoll il-merkanzija mixtrija minn negozjant jew art jew proprjetà oħra miżmuma għal bejgħ mill-ġdid (jekk art u proprjetà oħra inizjalment kienu nxtraw għal skopijiet ta' investment dawn ma għandhomx jiġu inklużi fil-fatturat). Il-forniment ta' servizzi b'mod tipiku jinkludi l-prestazzjoni mill-impriża ta' ħidma miftiehma b'kuntratt matul perjodu speċifiku ta' żmien. Id-dħul tal-kuntratti fit-tul (pereżempju kuntratti tal-bini) għandhom ikunu magħrufa skont ir-referenza għall-istadju tat-tkomplija tal-kuntratt u mhux il-metodu tal-kuntratt komplut. Oġġetti prodotti għal konsum jew investment personali għandhom ikunu esklużi mill-fatturat.

Il-fatturat jinkludi d-dazji u t-taxxi kollha fuq l-oġġetti u s-servizzi b'fattura mill-unità ħliet għat-taxxi tat-tip tal-valur miżjud (VAT). Il-VAT tinġabar fi stadji mill-impriża u titħallas bis-sħiħ mix-xerrej aħħari.

Dan jinkludi wkoll it-ħlasijiet l-oħrajn kollha (it-trasport, l-ippakkjar, eċċ.) mgħoddija lill-klijent, anke jekk dawn it-ħlasijiet huma elenkati separatament fil-fattura. Irid jitnaqqas it-tnaqqis fil-prezzijiet, l-iskonti u r-roħs kif ukoll il-valur tal-ippakkjar mibgħut lura.

Jiġi eskluż mill-fatturat id-dħul ikklassifikat bħala dħul ieħor tal-operat, dħul finanzjarju u dħul straordinarju fil-kontijiet tal-kumpanija skont ir-Raba' Direttiva tal-Kontabilità u dħul mill-użu minn ħaddieħor ta' assi tal-impriża li jrendu imgħax, royalties u dividendi u dħul ieħor skont l-IAS/IFRS. Huma esklużi wkoll sussidji tal-operat riċevuti minn awtoritajiet pubbliċi jew l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, it-titolu korrispondenti ta' din il-karatteristika huwa "Primjums gross miktuba". Din il-karatteristika hija ddefinita fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 91/674/KEE ⁽¹⁾. Nota: Għat-tqassim tal-kont tal-qligħ u t-telf (kont tekniku): l-Artikolu 34, I. 1(a) tad-Direttiva 91/674/KEE għal negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-Artikolu 34, II. 1(a) tad-Direttiva 91/674/KEE għal negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, it-titolu korrispondenti ta' din il-karatteristika huwa "Kontribuzzjonijiet totali tal-pensjonijiet". Din il-karatteristika għandha tinkludi l-kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet kollha, dovuti matul is-sena finanzjarja, fir-rigward ta' kuntratti ta' pensjonijiet, bħall-kontribuzzjonijiet obligatorji kollha, kontribuzzjonijiet regolari oħrajn, kontribuzzjonijiet addizzjonali volontarji, trasferimenti li deħlin, kontribuzzjonijiet oħrajn.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV u VIII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, ħliet għall-attivitajiet ikklassifikati fin-NACE Rev.2 Taqsima K

⁽¹⁾ ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-fatturat kif definit hawn fuq għal skopijiet ta' statistika jinkludi l-intestatura tal-kontabilità

- Fatturat nett inklużi taxxi oħrajn fuq oġġetti marbutin ma' fatturat iżda mhux deduċibbli

Regolamenti IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-fatturat kif definit hawn fuq għal skopijiet ta' statistika jinkludi l-intestaturi tal-kontabilità:

- dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u l-forniment ta' servizzi (IAS 18.35). Jekk f'din l-entrata hemm inkluż id-dħul ta' imġaxxijiet, dividendi u royalties, dawn għandhom jitnaqsu.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV u VIII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħliet għal impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev. 2 Taqsima K

- Il-fatturat jintuża fil-kalkolu tal-Valur tal-Produzzjoni (12 12 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.
- Il-fatturat jista' jitqassam skont l-attività: Fatturat minn i) l-attività prinċipali, ii) attivitajiet industrijali, iii) attivitajiet kummerċjali ta' xiri u bejgħ mill-ġdid u attivitajiet intermedjarji, iv) attivitajiet intermedjarji (aġenti), v) attivitajiet oħrajn ta' servizz (18 11 0 sa 18 16 0).
- Il-fatturat jista' jitqassam skont it-tip ta' prodott: Tqassim tal-fatturat skont it-tip tal-prodott (18 21 0).

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, "Primjums gross miktuba" (12 11 0) huwa kkalkolat hekk kif ġej:

Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1),

- + Primjums grossi ta' riassigurazzjoni, primjums miktuba (12 11 2).

Primjums grossi miktuba jintuża fil-kalkolu tal-Primjums grossi mdaħħla (32 11 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 Fatturat (kontribuzzjonijiet totali tal-pensjonijiet) huwa kkalkolat hekk kif ġej:

Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet riċevibbli minn membri (48 00 1),

- + Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet riċevibbli minn min iħaddem (48 00 2),
- + Trasferimenti li deħlin (48 00 3),
- + Kontribuzzjonijiet oħrajn tal-pensjonijiet (48 00 4)

jew:

Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet għal skemi definiti ta' benefiċċji (48 00 5),

- + Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet għal skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet (48 00 6),
- + Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet għal skemi ibridi (48 00 7).

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 "Fatturat" huwa mqassam ulterjorment fi prodotti u r-residenza tal-klijent

⁽¹⁾ ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1

Kodiċi: 12 11 1

Isem: Primjums diretti grossi miktuba

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE. Huma koperti biss il-primjums diretti tal-assigurazzjoni.

Nota:

Għat-tqassim tal-kont tal-qligħ u t-telf (kont tekniku): l-Artikolu 34, I. 1(a) tad-Direttiva 91/674/KEE għal negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-Artikolu 34, II. 1(a) tad-Direttiva 91/674/KEE għal negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

+ Primjums grossi ta' riassigurazzjoni aċċettati, primjums miktuba (12 11 2)

= Primjums grossi miktuba (12 11 0)

Kodiċi: 12 11 2

Isem: Primjums grossi ta' riassigurazzjoni aċċettati, primjums miktuba

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – Primjums grossi ta' riassigurazzjoni aċċettati, primjums miktuba huma inklużi fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf. Huma koperti biss il-primjums miktuba tan-negozju aċċettat.

Nota:

Għat-tqassim tal-kont tal-qligħ u t-telf (kont tekniku): l-Artikolu 34, I. 1(a) tad-Direttiva 91/674/KEE għal negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-Artikolu 34, II. 1(a) tad-Direttiva 91/674/KEE għal negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

+ Primjums grossi ta' riassigurazzjoni aċċettati, primjums miktuba (12 11 2)

= Primjums grossi miktuba (12 11 0)

Kodiċi: 12 11 3

Isem: Primjums diretti grossi miktuba, primjums individwali

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – Primjums diretti grossi miktuba, primjums individwali huwa inkluż fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf.

Nota:

Għat-tqassim tal-primjums individwali: l-Artikolu 63 tad-Direttiva 91/674/KEE.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba, primjums individwali (12 11 3)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums taħt kuntratti ta' gruppi (12 11 4)

= Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

Kodiċi: 12 11 4

Isem: Primjums diretti grossi miktuba, primjums taħt kuntratti ta' gruppi

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – primjums diretti grossi miktuba, primjums taħt kuntratti ta' gruppi huwa inkluż fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf.

Nota:

Għat-tqassim primjums taħt kuntratti ta' gruppi: l-Artikolu 63 tad-Direttiva 91/674/KEE.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba, primjums individwali (12 11 3)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums taħt kuntratti ta' gruppi (12 11 4)

= Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

Kodiċi: 12 11 5

Isem: Primjums diretti grossi miktuba, primjums perjodiċi

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – Primjums diretti grossi miktuba, primjums perjodiċi huwa inkluż fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf.

Nota:

Għat-tqassim primjums perjodiċi: l-Artikolu 63 tad-Direttiva 91/674/KEE.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba, primjums perjodiċi (12 11 5)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums waħdanin (12 11 6)

= Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

Kodiċi: 12 11 6

Isem: Primjums diretti grossi miktuba, primjums waħdanin

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – Primjums diretti grossi miktuba, primjums waħdanin huwa inkluż fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf.

Nota:

Għat-tqassim primjums waħdanin: l-Artikolu 63 tad-Direttiva 91/674/KEE.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba, primjums perjodiċi (12 11 5)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums waħdanin (12 11 6)

= Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

Kodiċi: 12 11 7

Isem: Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti mhux ta' bonus

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti mhux ta' bonus huwa inkluż fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf.

Nota:

Għat-tqassim primjums minn kuntratti mhux ta' bonus: l-Artikolu 63 tad-Direttiva 91/674/KEE.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti mhux ta' bonus (12 11 7)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti ta' bonus (12 11 8)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti fejn ir-riskju tal-investment jittieħed mit-titolari ta' poloz (12 11 9)

= Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

Kodiċi: 12 11 8

Isem: Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti ta' bonus

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti ta' bonus huwa inkluż fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf.

Nota:

Għat-tqassim primjums minn kuntratti ta' bonus: l-Artikolu 63 tad-Direttiva 91/674/KEE.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti mhux ta' bonus (12 11 7)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti ta' bonus (12 11 8)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti fejn ir-riskju tal-investment jittieħed mit-titolari ta' poloz (12 11 9)

= Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

Kodiċi: 12 11 9

Isem: Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti fejn ir-riskju tal-investment jittieħed mit-titolari ta' poloz

Anness: V

Definizzjoni:

L-Artikolu 35 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE – Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti fejn ir-riskju tal-investment jittieħed mit-titolari ta' poloz huwa inkluż fil-parti teknika tal-kont tal-qligħ u t-telf.

Nota:

Għat-tqassim primjums minn kuntratti fejn ir-riskju tal-investment jittieħed mit-titolari ta' poloz: l-Artikolu 63 tad-Direttiva 91/674/KEE.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti mhux ta' bonus (12 11 7)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti ta' bonus (12 11 8)

+ Primjums diretti grossi miktuba, primjums minn kuntratti fejn ir-riskju tal-investment jittieħed mit-titolari ta' poloz (12 11 9)

= Primjums diretti grossi miktuba (12 11 1)

Kodiċi: 12 12 0

Isem: Valur tal-produzzjoni

Anness: I sa IV, VI u VII

Definizzjoni

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħliet għal impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

Il-valur tal-produzzjoni jkejjel l-ammont prodott attwalment mill-unità, ibbażat fuq il-bejgħ, inklużi bidliet fl-istokks u l-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi.

Il-valur tal-produzzjoni huwa definit bħala l-fatturat jew id-dħul mill-bejgħ ta' oġġetti jew il-forniment ta' servizzi, biż-żieda ta' jew mingħajr il-bidliet fl-istokks tal-prodotti kompluti, xogħol li għadu għaddej u oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid, bit-tnaqqis tax-xiri ta' oġġetti u servizzi għall-bejgħ mill-ġdid (biss għall-oġġetti u s-servizzi mibjugħa matul il-perjodu tal-irrapportar u esklużi l-ispejjeż tal-ħażna u t-trasport tal-oġġetti mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid), biż-żieda ta' produzzjoni kapitalizzata, biż-żieda ta' dħul (operattiv u straordinarju) ieħor (esklużi s-sussidji). Huwa eskluż mill-valur tal-produzzjoni d-dħul u l-infiq ikklassifikat bħala finanzjarju jew bħala dħul fil-forma ta' imgħaxijiet u dividendi fil-kontijiet tal-kumpanija. Hemm inklużi fl-akkwisti ta' oġġetti u servizzi għall-bejgħ mill-ġdid, l-akkwisti ta' servizzi mixtrija sabieħ jingħataw lil partijiet terzi fl-istess kundizzjoni.

Nota: Il-produzzjoni kapitalizzata tinkludi l-produzzjoni mill-kont proprju tal-oġġetti kollha li huma miżmuma mill-produtturi tagħhom bħala investment. Dan tal-aħħar jinkludi l-produzzjoni ta' assi tanġibbli fissi (bini, eċċ.) kif ukoll assi intanġibbli (żvilupp ta' softwer, eċċ.) Il-produzzjoni kapitalizzata hija produzzjoni mhux mibjugħa u hija vvalutata fl-ispiża tal-produzzjoni. Ta' min jinnota li dawn l-oġġetti kapitali għandhom jiġu inklużi wkoll fl-investment.

Nota: Dħul (operattiv u straordinarju) ieħor hija intestatura tal-kontabilità tal-kumpanija. Il-kontenut ta' din l-intestatura jista' jvarja bejn is-setturi u maż-żmien u għalhekk ma jistax ikun definit preċiżament għal skopijiet ta' statistika.

Għall-istatistika dwar attivitajiet tan-NACE Rev.2 gruppi 65.1 u 65.2, il-valur tal-produzzjoni huwa definit bħala primjums grossi ggwadanjati biż-żieda ta' dħul totali tal-investment tal-portafoll biż-żieda ta' servizzi prodotti oħrajn bit-tnaqqis tal-klejms grossi li tħallsu, esklużi l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-klejms biż-żieda ta' qligħ tal-kapital u dispożizzjonijiet.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-valur tal-produzzjoni huwa definit bħala imgħax riċevibbli u dħul simili bit-tnaqqis tal-imgħax pagabbli u ħlasijiet simili biż-żieda ta' kummissjonijiet riċevibbli biż-żieda ta' dħul minn ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli biż-żieda ta' profitt nett jew telf nett fuq l-attivitajiet finanzjarji biż-żieda ta' dħul ieħor tal-operat.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-valur tal-produzzjoni huwa definit bħala fatturat bit-tnaqqis tal-primjums pagabbli tal-assigurazzjoni biż-żieda ta' dħul mill-investment biż-żieda ta' dħul ieħor biż-żieda ta' klejms riċevibbli tal-assigurazzjoni bit-tnaqqis tan-nefqa totali fuq il-pensjonijiet bit-tnaqqis tal-bidla netta fid-dispożizzjonijiet tekniċi.

Għall-impriżi tan-NACE Rev.2 klassi 64.11 (banek ċentrali) il-valur tal-produzzjoni huwa definit bħal imgħax riċevibbli u dħul simili bit-tnaqqis tal-imgħax pagabbli u ħlasijiet simili biż-żieda ta' kummissjonijiet riċevibbli biż-żieda ta' dħul minn ishma u titoli oħrajn b'rendiment varjabbli biż-żieda ta' profitt nett jew telf nett fuq l-attivitajiet finanzjarji biż-żieda ta' dħul ieħor tal-operat.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-komponenti tal-Valur tal-produzzjoni huma inklużi fl-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin;

- Fatturat nett
- parti minn Dħul ieħor tal-operat – esklużi s-sussidji
- parti minn Dħul straordinarju – esklużi s-sussidji
- Varjazzjoni fl-istokks ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej
- parti minn Materja prima u oġġetti tal-konsum b'relazzjoni ma' akkwisti u bidla fl-istokks ta' oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid
- Xogħol magħmul mill-impriża għall-iskopijiet tagħha stess u kkapitalizzat

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-komponenti tal-Valur tal-produzzjoni huma inklużi fl-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin (funzjoni ta' metodu tal-ispiża):

- Dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u l-forniment ta' servizzi, dħul minn royalties (eskluż id-dħul minn imgħaxijiet u dividendi jekk inklużi fid-dħul)

- Dħul ieħor – esklużi s-sussidji
- + Bidliet fl-inventarji ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej
- - parti minn materja prima u oġġetti tal-konsum użati b'relazzjoni mal-akkwisti u l-bidla fl-istokks ta' oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid
- + xogħol magħmul mill-impriża għall-iskopijiet tagħha stess u kkapitalizzat (inkluż fi dħul ieħor)

Il-komponenti tal-Valur tal-produzzjoni huma inklużi fl-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin (natura ta' metodu tal-ispiża):

- Dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u l-forniment ta' servizzi, dħul minn royalties (eskluż id-dħul minn imgħaxxijiet u dividendi jekk inklużi fid-dħul)
- Dħul ieħor – esklużi s-sussidji
- - spiża tal-bejgħ esklużi l-ispejjeż tad-deprezzament u l-ħlas ta' dejn
- + xogħol magħmul mill-impriża għall-iskopijiet tagħha stess u kkapitalizzat (inkluż fi dħul ieħor)

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħliet għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K, il-valur tal-produzzjoni huwa bbażat fuq

Fatturat (12 11 0),

- +/- Bidla fl-istokks tal-prodotti kompluti u xogħol li għadu għaddej immanifatturati mill-unità (13 21 3)
- +/- Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti (13 21 1)
- Akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti (13 12 0)
- + Produzzjoni kkapitalizzata
- + Dħul ieħor tal-operat (esklużi s-sussidji)

Il-Valur tal-produzzjoni jintuża fil-kalkolu tal-Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur (12 15 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.

Għall-istatistika dwar attivitajiet tan-NACE Rev.2 gruppi 65.1 u 65.2, il-valur tal-produzzjoni huwa kkalkolat hekk kif ġej:

Għall-assigurazzjoni tal-ħajja:

Primjums grossi miktuba (12 11 0),

- + Bidla grossa fid-dispożizzjoni għal primjums mhux iggwadanjati (32 11 2)
- + Dħul minn investimenti (32 22 0)
- Aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq l-investimenti (32 71 5)
- Qligħ fuq ir-realizzazzjoni ta' investimenti (32 71 6)
- Dħul minn interessi parteċipanti (32 71 1)

- + $[(\text{Dispożizzjonijiet tekniċi grossi totali (37 30 0) Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}) / \text{Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}] \times (\text{Dħul minn investiment (32 22 0) - Aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq investimenti (32 71 5) - Qligħ fuq ir-realizzazzjoni ta' investimenti (32 71 6) - Dħul minn interessi parteċipanti (32 71 1)})$,
- + Dħul tekniku ieħor, ammont nett (32 16 1)
- + Dħul ieħor (32 46 0)
- Ħlasijiet grossi ta' klejms (32 13 1)
- Bidla grossa fid-dispożizzjoni għal klejms pendenti (32 13 4)
- + Spejjeż tal-amministrazzjoni ta' klejms esterni u interni (32 61 5)
- + Qligħ fuq ir-realizzazzjoni fuq investimenti (32 71 6)
- + Qligħ mhux realizzat fuq investimenti (32 23 0)
- Telf fuq ir-realizzazzjoni fuq investimenti (32 72 3)
- Telf mhux realizzat fuq investimenti (32 28 0)
- Bidla grossa fid-dispożizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja (32 25 0,
- Bonusijiet u skontijiet, ammont nett (32 16 3)
- Bidla fil-fond għal approprazzjonijiet futuri (parti minn 32 29 0)
- Bidliet netti f'dispożizzjonijiet tekniċi oħrajn, li ma jidhrux taħt intestaturi oħrajn (32 16 2).

Għal assicurazzjoni mhux tal-ħajja u riassigurazzjoni:

Primjums grossi miktuba (12 11 0)

- + Bidla gross fid-dispożizzjoni għal primjums mhux iggwadanjati (32 11 2)
- + Dħul minn investiment (32 42 0)
- Aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq investimenti (32 71 5)
- Qligħ fuq ir-realizzazzjoni fuq investimenti (32 71 6)
- Dħul minn interessi parteċipanti (32 71 1)
- + $[(\text{Dispożizzjonijiet tekniċi grossi totali (37 30 0) Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}) / \text{Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}] \times (\text{Dħul minn investimenti (32 42 0) - Aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq investimenti (32 71 5) - Qligħ fuq ir-realizzazzjoni ta' investimenti (32 71 6) - Dħul minn interessi parteċipanti (32 71 1)})$
- + Dħul tekniku ieħor, ammont nett (32 16 1)
- + Dħul ieħor (32 46 0)
- Ħlasijiet grossi ta' klejms (32 13 1)
- Bidla grossa fid-dispożizzjoni għal klejms pendenti (32 13 4)
- + Spejjeż ta' amministrazzjoni tal-klejms esterni u interni (32 61 5)

- + Qligħ fuq ir-realizzazzjoni fuq investimenti (32 71 6)
- Telf fuq ir-realizzazzjoni fuq investimenti (32 72 3)
- Bonusijiet u skontijiet, ammont nett (32 16 3)
- Bidla fid-dispożizzjoni ta' ekwalizzazzjoni (32 15 0)
- Bidliet oħrajn f'dispożizzjonijiet tekniċi oħrajn, li ma jidhrux taħt intestaturi oħrajn (32 16 2).

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-Valur tal-produzzjoni huwa kkalkolat bħala:

Imgħax riċevibbli u dħul simili (42 11 0)

- Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili (42 12 0)
- + Kummissjonijiet riċevibbli (42 14 0)
- + Dħul minn ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (42 13 1)
- + Profitt nett jew telf nett fuq attivitajiet finanzjarji (42 20 0)
- + Dħul ieħor tal-operat (42 31 0)

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-Valur tal-produzzjoni huwa kkalkolat bħala:

Fatturat (12 11 0),

- Primjums tal-assigurazzjoni pagabbli (48 05 0)
- + Dħul minn investimenti (48 01 0)
- + Dħul ieħor (48 02 2),
- + Klejms tal-assigurazzjoni riċevibbli (48 02 1)
- Nefqa totali fuq il-pensjonijiet (48 03 0)
- Bidla netta f'dispożizzjonijiet tekniċi (48 04 0)

Kodiċi: 12 13 0

Isem: Marġni gross fuq oġġetti għal bejgħ mill-ġdid

Anness: II sa IV

Definizzjoni

Jikkorrispondi għad-dħul mill-attività tal-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid mingħajr proċessar ulterjuri. Huwa kkalkolat mill-fatturat, l-akkwisti u l-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti.

Hemm inklużi fil-fatturat, l-akkwist u l-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi għal bejgħ mill-ġdid, il-bejgħ, l-akkwisti u l-bidliet fl-istokks ta' servizzi mixtrija sabiex jingħataw lil partijiet terzi fl-istess kundizzjoni.

Imsejjaħ ukoll marġni gross kummerċjali.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Dawn iċ-ċifri ma jstgħux jiġu iżolati fil-kontijiet tal-kumpanija. Huma parti minn fatturat nett u materja prima u oġġetti tal-konsum fil-kontijiet skont ir-4 Direttiva tal-Kontabilità (78/660).

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Dawn iċ-ċifri ma jstgħux ikunu iżolati fil-kontijiet tal-kumpanija. Fin-natura ta' metodu tal-ispiża huma parti minn dħul u materja prima u oġġetti tal-konsum użati. Fil-funzjoni ta' metodu tal-ispiża huma parti minn dħul u spiża tal-bejgħ.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-marġni gross fuq oġġetti għal bejgħ mill-ġdid huwa bbażat fuq

Fatturat minn attivitajiet kummerċjali ta' akkwist u bejgħ mill-ġdid (18 16 0)

- Akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti (13 12 0)

+/- Bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti (13 21 1)

— Marġni gross fuq oġġetti għal bejgħ mill-ġdid huwa parti mill-Valur tal-produzzjoni (12 12 0)

Kodiċi: 12 15 0

Isem: Valur miżjud bil-kost tal-fattur

Anness: I sa IV, VI u VII

Definizzjoni

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa d-dħul gross minn attivitajiet tal-operat wara aġġustament għal sussidji tal-operat u taxxi indiretti.

Jista' jiġi kkalkolat minn fatturat, biż-żieda ta' produzzjoni kapitalizzata, biż-żieda ta' dħul ieħor tal-operat (inklużi sussidji tal-operat), biż-żieda jew it-tnaqqis tal-bidliet fl-istokks, bit-tnaqqis tal-akkwisti ta' oġġetti u servizzi, bit-tnaqqis ta' taxxi oħrajn fuq prodotti li huma marbuta ma' fatturat iżda mhux deduċibbli, bit-tnaqqis tad-dazji u t-taxxi marbuta mal-produzzjoni. Id-dazji u t-taxxi marbuta mal-produzzjoni huma ħlasijiet obbligatorji, mhux reċiprokati, fi flus jew innatura li huma imposti mill-gvern ġenerali, jew mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-produzzjoni u l-importazzjoni ta' oġġetti u servizzi, l-impjeg tal-ħaddiema, il-proprjetà jew l-użu ta' art, bini jew assi oħrajn użati fil-produzzjoni irrISPETTIVAMENT mill-kwantità jew il-valur ta' oġġetti u servizzi prodotti jew mibjugħa. Alternattivament jista' jiġi kkalkolat mill-bilanċ favorevoli gross tal-operat billi jiġu miżjuda l-ispejjeż tal-persunal.

Dħul u nfiq klassifikati bħala finanzjarji fil-kontijiet tal-kumpanija skont ir-4 Direttiva tal-Kontabilità(78/660) huwa eskluż mill-valur miżjud. Dħul u nfiq klassifikati bħala dħul tal-imgħaxijiet, dħul tad-dividends, qligħ minn skambju minn self ta' muniti barranin relatat ma' spejjeż tal-imgħaxijiet, qligħ fuq ammortament u rimborż ta' dejn jew spejjeż finanzjarji skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1726/2003 huma esklużi minn valur miżjud

Il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa kkalkolat "gross" billi aġġustamenti tal-valur (bħal telf ta' deprezzament u indeboliment ma jitnaqqasux.

Għall-istatistika dwar attivitajiet tan-NACE rev.2 gruppi 65.1 u 65.2, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa definit bħala valur tal-produzzjoni bit-tnaqqis ta' valur gross ta' servizzi ta' riassigurazzjoni riċevuti bit-tnaqqis ta' kummissjonijiet bit-tnaqqis ta' nfiq estern ieħor fuq oġġetti u servizzi.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa definit bħala valur tal-produzzjoni bit-tnaqqis ta' akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa definit bħala valur tal-produzzjoni bit-tnaqqis ta' akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi.

Għall-impriżi tan-NACE Rev.2 klassi 64.11, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa definit bħala valur tal-produzzjoni bit-tnaqqis ta' akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħliet għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-valur miżjud bil-kost tal-fattur jista' jiġi kkalkolat direttament mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin:

- Fatturat nett
- Varjazzjoni fl-istokks ta' prodotti kompluti u xogħol li għadu għaddej
- Xogħol magħmul mill-impriża għall-iskopijiet ta' tagħha stess u kkapitalizzat
- Materja prima u oġġetti tal-konsum
- Ħlasijiet esterni oħrajn
- Ħlasijiet oħrajn tal-operat
- Dħul ieħor tal-operat
- Ħlasijiet straordinarji
- Dħul straordinarju

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-valur miżjud bil-kost tal-fattur jista' jiġi kkalkolat direttament mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin min-natura ta' metodu tal-ispiża

Dħul (eskluż dħul minn imgħaxijiet u dividendi jekk inklużi fid-dħul)

- +/- Bidliet fl-inventarji ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej
- Materja prima u oġġetti tal-konsum użati
- Spejjeż oħrajn
- + Dħul ieħor

Il-valur miżjud bil-kost tal-fattur jista' jiġi kkalkolat direttament mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin mill-funzjoni ta' metodu tal-ispiża

Dħul (esklużi dħul minn imgħaxxijiet u dividendi jekk inklużi fid-dħul)

- (Spiża tal-bejgħ esklużi spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati, spejjeż tad-deprezzament u ħlas ta' dejn)
- (Spejjeż tad-distribuzzjoni esklużi spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati)
- (Spejjeż amministrattivi esklużi spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati)
- Spejjeż oħrajn
- + Dħul ieħor

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K,

Il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa bbażat fuq

Fatturat (12 11 0)

- +/- Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi (13 21 0)
- + Produzzjoni kapitalizzata
- + Dħul ieħor tal-operat
- Akkwisti ta' oġġetti u servizzi (13 11 0)
- Taxxi oħrajn fuq prodotti li huwa marbuta ma' fatturat iżda mhux deduciibbli
- Dazji u taxxi marbuta mal-produzzjoni
- Il-valur miżjud bil-kost tal-fattur jintuża fil-kalkolu tal-bilanċ favorevoli gross tal-operat (12 17 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.

Għall-istatistika dwar attivitajiet tan-NACE rev.2 gruppi 65.1 u 65.2, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa kkalkolat bħala:

Valur tal-produzzjoni (12 12 0),

- Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0).

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa kkalkolat bħala:

Valur tal-produzzjoni (12120),

- Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13110).

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-valur miżjud bil-kost tal-fattur huwa kkalkolat hekk kif ġejj:

Valur tal-produzzjoni (12 12 0),

- Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0).

Kodiċi: 12 17 0

Isem: Bilanċ favorevoli gross tal-operat

Anness: I sa IV

Definizzjoni

Il-bilanċ favorevoli gross tal-operat huwa l-bilanċ favorevoli iġġenerat mill-attivitajiet tal-operat wara li tkun ġiet rimborżata l-produzzjoni tal-fattur tal-ħaddiema. Jista' jiġi kkalkolat mill-valur miżjud bil-kost tal-fattur bit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-persunal. Huwa l-bilanċ disponibbli għall-unità li tippermettilha tirrimborża l-fornituri ta' fondi proprji u dejn, biex tħallas taxxi u eventwalment tiffinanzja l-investiment tagħha jew parti minnu.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-bilanċ favorevoli gross tal-operat jista' jiġi kkalkolat mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin;

Fatturat nett

- Varjazzjoni fl-istokks ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej
- Xogħol magħmul mill-impriża għall-iskopijiet tagħha stess u kkapitalizzat
- Materja prima u oġġetti tal-konsum
- Ħlasijiet esterni oħrajn
- Ħlasijiet oħrajn tal-operat
- Dħul ieħor tal-operat
- Ħlasijiet straordinarji
- Dħul straordinarju
- Spejjeż tal-persunal

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-bilanċ favorevoli gross tal-operat jista' jiġi kkalkolat direttament mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin ta' metodu tal-ispejjeż

- Dħul (eskluż dħul minn imgħaxijiet u dividendi jekk inklużi fid-dħul)
- +/- Bidliet fl-inventarji ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej
- - Materja prima u oġġetti tal-konsum użati
- - Spejjeż oħrajn
- + Dħul ieħor
- - spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati

Il-bilanċ favorevoli gross tal-operat jista' jiġi kkalkolat direttament mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin mill-funzjoni ta' metodu tal-ispejjeż

- Dħul (esklużi dħul minn imgħaxijiet u dividendi jekk inklużi fid-dħul)
- — Spejża tal-bejgħ (esklużi spejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- — Spejjeż tad-distribuzzjoni (esklużi spejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- — Spejjeż amministrattivi (esklużi spejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- — Spejjeż oħrajn (esklużi spejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- + Dħul ieħor

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-bilanċ favorevoli gross tal-operat huwa bbażat fuq

Valur miżjud bil-kost tal-fattur (12 15 0)

- Spejjeż tal-persunal (13 31 0)

Kodiċi: 13 11 0

Isem: Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi

Anness: I sa IV, VI u VII

Definizzjoni

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi jinkludu l-valur tal-oġġetti u s-servizzi kollha mixtrija matul il-perjodu tal-kontabilità għall-bejgħ mill-ġdid jew il-konsum fil-proċess tal-produzzjoni, esklużi oġġetti kapitali li l-konsum tagħhom huwa rreġistrat bħala konsum ta' kapital fiss. L-oġġetti u s-servizzi kkonċernati jistgħu jinbiegħu mill-ġdid bi jew mingħajr trasformazzjoni ulterjuri, użati kompletament fil-proċess tal-produzzjoni jew, finalment, jiġu stokkjati.

Inklużi f'dawn l-akkwisti hemm il-materjali li jidhru direttament fl-oġġetti prodotti (materja prima, prodotti intermedjarji, komponenti), biż-żieda ta' għodod żgħar u tagħmir mhux ikkapitalizzati. Hemm inklużi wkoll il-valur ta' materjali anċillari (lubrikanti, ilma, ippakkjar, manteniment u materjali tat-tiswija, materjal tal-uffiċċju) kif ukoll prodotti tal-enerġija. Hemm inkluż f'dan il-varjabbli l-akkwisti ta' materjali magħmula għall-produzzjoni ta' oġġetti kapitali mill-unità.

Hemm inklużi wkoll is-servizzi mħallsa matul il-perjodu ta' referenza mingħajr ma jitqies jekk humiex industrijali jew mhux industrijali. F'din iċ-ċifra hemm il-pagamenti għal kull xogħol li sar minn partijiet terzi f'isem l-unità inklużi tiswijiet kurrenti u manteniment, xogħol ta' installazzjoni u studji tekniċi. Huma esklużi l-ammonti mħallsa għall-installazzjoni ta' oġġetti kapitali u l-valur ta' oġġetti kapitalizzati.

In-nefqa kklassifikata bħala nefqa finanzjarja jew bħala dħul fl-għamla jew imgħaxijiet u dividendi hija eskluża mill-akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi.

Hemm inklużi wkoll il-pagamenti magħmula għal servizzi mhux industrijali bħal ħlasijiet legali u tal-kontabilità, ħlasijiet ta' privattivi u liċenzji (fejn mhumiex kapitalizzati, primjums tal-assigurazzjoni, spejjeż ta' laqgħat ta' azzjonisti u korpi governattivi, kontribuzzjonijiet lil assoċjazzjonijiet professjonali u tan-negozju, ħlasijiet tal-posta, it-telefon, il-komunikazzjoni elettronika, it-telegrafija u l-faks, servizzi tat-trasport għal oġġetti u persunal, spejjeż tar-reklamar, kummissjonijiet (fejn dawn mhumiex inklużi fil-pagi u s-salarji), kirjiet, ħlasijiet bankarji (esklużi l-pagamenti tal-imgħaxijiet) u s-servizzi l-oħrajn kollha tan-negozju pprovduti minn partijiet terzi. Hemm inklużi servizzi li huma ttrasformati u kkapitalizzati mill-unità bħala produzzjoni kapitalizzata.

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi huma valutati bil-prezz tal-akkwist, jiġifieri l-prezz li x-xerrej attwalment iħallas għall-prodotti, inklużi kwalunkwe taxxa bit-tnaqqis ta' sussidji fuq il-prodotti mixtrija esklużi madankollu t-taxxi tat-tip tal-valur miżjud

Għalhekk it-taxxi u d-dazji kollha fuq il-prodotti mhumiex imnaqqa mill-valutazzjoni tal-akkwisti ta' oġġetti u servizzi. It-trattament ta' taxxi fuq il-produzzjoni mhuwiex rilevanti fil-valutazzjoni ta' dawn l-akkwisti.

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV, għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K, in-nefqa kklassifikata bħala nefqa finanzjarja fil-kontijiet tal-kumpanija hija eskluża mill-akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi.

Għall-istatistika dwar attivitajiet tan-NACE Rev.2 gruppi 65.1 u 65.2, l-akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi huwa definit bħala l-valur gross riċevut ta' servizzi tar-riassigurazzjoni biż-żieda tat-total ta' kummissjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 64 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674 biż-żieda ta' kwalunkwe spiża esterna oħra fuq oġġetti u servizzi (esklużi spejjeż tal-persunal).

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, l-akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi huwa definit bħala kummissjonijiet pagabbli biż-żieda ta' spejjeż amministrattivi oħrajn biż-żieda ta' ħlasijiet oħrajn tal-operat.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi jista' jiġi kkalkolat mill-intestaturi tal-kontabilità

- Materja prima u oġġetti tal-konsum (qabel ma jitqiesu l-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi)
- Ħlasijiet esterni oħrajn (qabel ma jitqiesu l-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi)
- parti minn Ħlasijiet oħrajn tal-operat – Il-parti inkluża hawnhekk għandha x'taqsam mal-pagamenti għal oġġetti u servizzi mhux inklużi fiż-żewġ intestaturi ta' hawn fuq (materja prima u oġġetti tal-konsum u ħlasijiet esterni oħrajn). Il-parti li mhix inkluża hawnhekk għandha x'taqsam mal-pagament ta' taxxi fuq il-produzzjoni.
- Ħlasijiet straordinarji

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi jista' jiġi kkalkolat mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin min-natura ta' metodu tal-ispiża

- Materja prima u oġġetti tal-konsum użati
- Spejjeż oħrajn (qabel ma jitqiesu l-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi)

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi jista' jiġi kkalkolat mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin mill-funzjoni ta' metodu tal-ispiża

- Spiża tal-bejgħ (qabel ma jitqiesu l-bidliet ta' oġġetti u servizzi u esklużi l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati, l-ispejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- Spejjeż tad-distribuzzjoni (magħmula matul il-perjodu tal-kontabilità u esklużi l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati, l-ispejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- Spejjeż amministrattivi (magħmula matul il-perjodu tal-kontabilità u esklużi l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati, l-ispejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- Spejjeż oħrajn

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness I sa IV, għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħlief għall-imprezi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K, l-akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi jintuża fil-kalkolu tal-Valur miżjud bil-kost tal-fattur (12 15 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.

Bosta entrati inklużi fl-Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi huma identifikati separatament

- Akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti (13 12 0)
- Pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji (13 13 1)
- Pagamenti għall-kiri fit-tul u kirjiet operazzjonali ta' oġġetti (13 41 1)
- Akkwisti ta' prodotti tal-enerġija (20 11 0)

Għall-istatistika dwar attivitajiet tan-NACE Rev.2 gruppi 65.1 u 65.2, l-Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi huwa kkalkolat bħala:

Għal assigurazzjoni tal-ħajja:

Bilanċ tar-riassigurazzjoni (32 18 0),

- + $[(\text{Dispożizzjonijiet tekniċi grossi totali (37 30 0)} - \text{Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}) / \text{Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}] \times (\text{Dħul mill-investiment (32 22 0)} - \text{Aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq investimenti (32 71 5)} - \text{Qliġh fuq ir-realizzazzjoni ta' investimenti (32 71 6)} - \text{Dħul minn interessi parteċipanti (32 71 1)})$,
- + Kummissjonijiet (32 61 1),
- + Nefqa esterna fuq oġġetti u servizzi (32 61 4)

Għal assigurazzjoni mhux tal-ħajja u riassigurazzjoni:

Bilanċ tar-riassigurazzjoni (32 18 0),

- + $[(\text{Dispożizzjonijiet tekniċi grossi totali (37 30 0)} - \text{Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}) / \text{Dispożizzjonijiet tekniċi netti totali (37 30 1)}] \times (\text{Dħul mill-investimenti (32 42 0)} - \text{Aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq investimenti (32 71 5)} - \text{Qliġh fuq ir-realizzazzjoni ta' investimenti (32 71 6)} - \text{Dħul minn interessi parteċipanti (32 71 1)})$,
- + Kummissjonijiet (32 61 1),
- + Nefqa esterna fuq oġġetti u servizzi (32 61 4)

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, l-akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi huwa kkalkolat bħala:

Kummissjonijiet pagabbli (42 15 0),

- + Spejjeż amministrattivi oħrajn (42 32 2),
- + Ħlasijiet oħrajn tal-operat (42 33 0).

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-varjabbli Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Spejjeż totali tal-operat (48 06 0).

Kodiċi: 13 12 0

Isem: Akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti

Anness: I sa IV

Definizzjoni

L-akkwisti għall-bejgħ mill-ġdid huma l-akkwisti ta' oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid lil partijiet terzi mingħajr proċessar ulterjuri. Dan jinkludi wkoll l-akkwisti ta' servizzi billi "jiġu fatturati" kumpaniji ta' servizzi, jiġifieri dawk li l-fatturat tagħhom huwa magħmul mhux biss minn ħlasijiet tal-aġenziji ċċarġjati fuq tranżazzjoni ta' servizz (bħal fil-każ tal-aġenti immobiljari) iżda wkoll mill-ammont attwali involut fit-tranżazzjoni ta' servizz, pereżempju akkwisti tat-trasport minn aġenti tal-ivvjaġġar. Il-valur ta' oġġetti u servizzi li huma mibjugħa lil partijiet terzi fuq bażi ta' kummissjoni huma esklużi billi dawn l-oġġetti mhumiex mixtrija jew mibjugħa mill-aġent li qed jirċievi l-kummissjoni.

Fejn issir referenza hawnhekk għal servizzi għal bejgħ mill-ġdid, is-servizzi kkonċernati huma l-produzzjoni mill-attivitatiet tas-servizz, id-drittijiet li jintużaw servizzi speċifikati minn qabel, jew appoġġi fiżiċi għal servizzi. L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti huma vvalutati bil-prezzijiet tal-akkwist esklużi l-VAT deduċibbli u taxxi deduċibbli oħrajn marbuta direttament mal-fatturat. It-taxxi u d-dazji l-oħrajn kollha fuq il-prodotti għalhekk mhumiex imnaqsa mill-valutazzjoni tal-akkwisti ta' oġġetti u servizzi.

It-trattament tat-taxxi fuq il-produzzjoni mhumiex rilevanti fil-valutazzjoni ta' dawn l-akkwisti.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitatiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħliet għall-impriżi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti minn

- Materja prima u oġġetti tal-konsum
- Ħlasijiet esterni oħrajn
- Ħlasijiet oħrajn tal-operat

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin min-natura ta' metodu tal-ispiża

- Materja prima u oġġetti tal-konsum użati (qabel ma jitqiesu l-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi)
- Spejjeż oħrajn

L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin mill-funzjoni ta' metodu tal-ispiża

- Spiża tal-bejgħ (qabel ma jitqiesu l-bidliet ta' oġġetti u servizzi u esklużi l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati, l-ispejjeż ta' deprezzament u ħlas ta' dejn)
- Spejjeż oħrajn

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0)

- L-akkwisti ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti jintuża fil-kalkolu ta' Marġni gross fuq oġġetti għal bejgħ mill-ġdid (12 13 0), f'Valur tal-produzzjoni (12 12 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.

Kodiċi: 13 13 1

Isem: Pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji

Anness: I sa IV

Definizzjoni

Inklużi f'din iċ-ċifra hemm il-pagamenti lil aġenziji ta' impjeg temporanju u organizzazzjonijiet simili li jipprovdu ħaddiema lil negozji tal-klijenti għal perjodi limitati ta' żmien biex jissupplimentaw jew jissostitwixxu temporanjament l-forza tax-xogħol tal-klijent, fejn l-individwi pprovduti huma impjegati tal-unità tas-servizz ta' assistenza temporanja. Madankollu, dawn l-aġenziji u l-organizzazzjonijiet ma jipprovdux superviżjoni diretta tal-impjegati tagħhom fuq il-postijiet tax-xogħol tal-klijenti. Huma inklużi biss il-pagamenti għall-provvediment ta' persunal li mhuwiex marbut mal-provvediment ta' servizz industrijali partikolari jew servizz ieħor mhux industrijali.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Għall-istatistika dwar attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi I sa IV għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 ħliet għall-imprezi b'attività kklassifikata fin-NACE Rev.2 Taqsima K

[Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE](#)

Il-pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti minn ħlasijiet esterni oħrajn u ħlasijiet oħrajn tal-operat.

[Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament \(KE\) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni \(KE\) Nru 1725/2003](#)

Il-pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti mill-intestatura spejjeż oħrajn jew parti minn materja prima u oġġetti tal-konsum użati (f'xi każijiet meta l-ħaddiema tal-aġenziji għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet tal-produzzjoni) min-natura tal-metodu tal-ispiża.

Il-pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti mill-intestaturi spiża tal-bejgħ, spejjeż tad-distribuzzjoni, spejjeż amministrattivi u/jew spejjeż oħrajn mill-funzjoni ta' metodu tal-ispiża.

Għall-istatistika dwar attivitajiet tan-NACE Rev. 2 gruppi 65.1 u 65.2

Il-pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija kif spjegat fl-Artikolu 34, III 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE

Għall-istatistika dwar attivitajiet ta' istituzzjonijiet tal-kreditu tan-NACE rev.2 klassijiet 64.19 u 64.92

Il-pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji ma jistax ikun iżolat fi Spejjeż amministrattivi oħrajn, kif imsemmi fl-Artikolu 27, entrata 8b, u l-Artikolu 28, entrata A 4b tad-Direttiva 86/635/KEE

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0)

Kodiċi: 13 21 0

Isem: Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi

Anness: III

Definizzjoni

Bidla fl-istokks (pożittiva jew negattiva) hija d-differenza bejn il-valur tal-istokks fit-tmiem u l-bidu tal-perjodu ta' referenza. Il-bidla fl-istokks tista' titkejjel mill-valur ta' entrati fl-istokks bit-tnaqqis tal-valur tal-ħruġ u l-valur ta' kwalunkwe telfiet rikorrenti ta' oġġetti miżmuma fl-istokks. L-istokks jiġu rreġistrati bil-prezzijiet tax-xerrej mingħajr il-VAT jekk inxtraw minn unità oħra, inkella bi prezzijiet tal-produzzjoni.

Fost l-istokks (u l-bidla fl-istokks), jista' jsir it-tqassim li ġej:

- stokks ta' oġġetti kompluti
- stokks ta' xogħol li għadu għaddej
- stokks ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti,
- stokks ta' materja prima u oġġetti tal-konsum.

Hemm inklużi l-istokks ta' prodotti kompluti jew fil-proċess tal-produzzjoni, li ġew prodotti mill-unità u li għadhom ma ġewx mibjugħa. Dawn il-prodotti jinkludu xogħol li għadu għaddej li huwa tal-unità, anke jekk il-prodotti inkwistjoni huma fil-pussess ta' partijiet terzi. Ugwalment, huma esklużi prodotti miżmuma mill-unità li huma ta' partijiet terzi.

Hemm inklużi l-istokks ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-iskop waħdieni li jergħu jinbiegħu fl-istess kundizzjoni. Huma esklużi l-istokks ta' oġġetti u servizzi li huma pprovduti minn partijiet terzi fuq bażi ta' kummissjoni. Prodotti mixtrija għal bejgħ mill-ġdid u stokkjati minn impriżi ta' servizzi jistgħu jinkludu oġġetti (tagħmir industrijali fil-każ ta' kuntratti tal-ingerinerija turnkey, jew bini fil-każ ta' żvilupp ta' proprjetà, eċċ.) kif ukoll servizzi (drittijiet għall-użu ta' spazju tar-reklamar, trasport, akkomodazzjoni, eċċ.).

Meta s-servizzi huma stokkjati s-servizzi kkonċernati huma l-produzzjoni minn attivitajiet ta' servizzi, drittijiet biex jintużaw servizzi speċifikati minn qabel, jew appoġġi fiżiċi għal servizzi.

Hemm inklużi wkoll l-istokks ta' materja prima u anċillari, prodotti intermedjarji, komponenti, enerġija, għodod żgħar mhux kapitalizzati u servizzi li huma tal-unità.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi jista' jiġi kkalkolat mill-intestaturi li ġejjin;

Varjazżjoni fl-istokks ta' oġġetti kompluti u fix-xogħol li għadu għaddej

Parti minn materja prima u oġġetti tal-konsum

Parti minn ħlasijiet esterni oħrajn

Parti minn ħlasijiet oħrajn tal-operat

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi jista' jiġi kkalkolat mill-intestaturi li ġejjin fir-rapport tad-dħul skont in-natura tal-ispejjeż

Bidliet fl-inventarji ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej;

Parti minn materja prima u oġġetti tal-konsum użati

Parti minn spejjeż oħrajn

Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi jista' jiġi kkalkolat mill-intestaturi li ġejjin fir-rapport tad-dħul skont il-funzjoni tal-ispejjeż

Parti minn Spiża tal-bejgħ;

Parti minn spejjeż tad-distribuzzjoni

Parti minn spejjeż amministrattivi

Parti minn spejjeż oħrajn

Rabta ma' varjabbli oħrajn

- Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi jintuża fil-kalkolu ta' Valur miżjud bil-kost tal-fattur (12 15 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.
- Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi jittqassam skont it-tip ta' stokks: i) Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti (13 21 1) ii) Bidla fl-istokks ta' prodotti kompluti u xogħol li għadu għaddej immanifatturati mill-unità (13 21 3) u iii) Bidla fl-istokks ta' materja prima u oġġetti tal-konsum.

Kodiċi: 13 21 1

Isem: Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti

Anness: III

Definizzjoni

Din il-varjabbli hija ddefinita bħala l-bidla fl-istokks bi prezzijiet tax-xerrej mingħajr il-VAT bejn it-tmiem u l-bidu tal-perjodu ta' referenza. Il-bidla fl-istokks tista' titkejjel mill-valur tal-entrati fl-istokks ta' prodotti mixtrija għal bejgħ mill-ġdid bit-taqqs tal-valur ta' ħruġ u l-valur ta' kwalunkwe telf rikorrenti ta' oġġetti miżmuma fl-istokks.

Hemm inklużi f'dawn l-istokks oġġetti u servizzi mixtrija għall-iskop waħdieni li jergħu jinbiegħu fl-istess kundizzjoni. Huma esklużi l-istokks ta' oġġetti u servizzi li huma pprovduti lil partijiet terzi fuq bażi ta' kummissjoni.

Il-prodotti mixtrija għal bejgħ mill-ġdid u stokkjati minn impriżi ta' servizzi jistgħu jinkludu oġġetti (tagħmir industrijali fil-każ ta' kuntratti tal-inġinerija "turnkey", jew bini fil-każ ta' żvilupp ta' proprjetà, eċċ.) kif ukoll servizzi (drittijiet għall-użu ta' spazju għar-reklamar, trasport, akkomodazzjoni, eċċ.).

Meta s-servizzi huma stokkjati, is-servizzi kkonċernati huma l-produzzjoni minn attivitajiet tas-servizzi, drittijiet biex jintuża servizzi speċifikati minn qabel, jew appoġġi fiżiċi għal servizzi.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-bidla fl-istokks ta' oġġetti mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huma parti minn materja prima u oġġetti tal-konsum, ħlasijiet esterni oħrajn u ħlasijiet oħrajn tal-operat

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huma parti minn materja prima u oġġetti tal-konsum użati u spejjeż oħrajn fir-rapport tad-dħul skont in-natura tal-ispejjeż

Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti u servizzi għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif riċevuti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huma parti minn Spiża tal-bejgħ u spejjeż oħrajn fir-rapport tad-dħul skont il-funzjoni tal-ispejjeż

Rabta ma' varjabbli oħrajn

- Il-bidla fl-istokks ta' oġġetti mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni jintuża fil-kalkolu ta' marġni gross fuq oġġetti għal bejgħ mill-ġdid (12 13 0), Valur tal-produzzjoni (12 12 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.
- Parti minn Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi (13 21 0)

Kodiċi: 13 21 3

Isem: Bidla fl-istokks ta' prodotti kompluti u xogħol li għadu għaddej immanifatturat mill-unità

Anness: II u IV

Definizzjoni

Din il-varjabbli hija ddefinita bħala l-bidla fil-valur tal-istokks ta' prodotti kompluti jew fil-proċess tal-produzzjoni, li ġew prodotti mill-unità u li għadhom ma ġewx mibjugħa, bejn l-ewwel u l-aħħar jiem tal-perjodu ta' referenza.

Dawn il-prodotti jinkludu xogħol li għadu għaddej li huwa tal-unità, anke jekk il-prodotti inkwistjoni huma fil-pussess ta' partijiet terzi. B'mod ugwali, huma esklużi prodotti miżmuma mill-unità li huma ta' partijiet terzi.

L-istokks huma vvalutati bi prezzijiet tal-produzzjoni, u huma vvalutati qabel ma jsiru aġġustamenti tal-valur (bħal deprezzament).

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-bidla fl-istokks ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej huma rreġistrati fil-kontijiet tal-kumpanija bħala l-intestatura Varjazzjoni fl-istokks ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej huma rreġistrati fir-rapport tad-dħul skont in-natura tal-ispejjeż bħala l-Intestatura Bidliet fl-inventarji ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej;

Il-bidliet fl-istokks ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej huma parti mill-Intestatura spiża tal-bejgħ fir-rapport tad-dħul skont il-funzjoni tal-ispejjeż

Rabta ma' varjabbli oħrajn

- Bidla fl-istokks ta' oġġetti kompluti u xogħol li għadu għaddej manifatturat mill-unità jintuża fil-kalkolu ta' Valur tal-produzzjoni (12 12 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.
- Parti minn Bidla fl-istokks ta' oġġetti u servizzi (13 21 0)

Kodiċi: 13 31 0

Isem: Spejjeż tal-persunal

Anness: I sa VII

Definizzjoni

L-ispejjeż tal-persunal huma definiti bħala r-remunerazzjoni totali, fi flus jew innatura, pagabbli minn min iħaddem lil impjegat (impjegati regolari u temporanji kif ukoll ħaddiema li jaħdmu mid-dar) għal xogħol magħmul minn dan tal-aħħar matul il-perjodu ta' referenza. L-ispejjeż tal-persunal jinkludu wkoll it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati miżmuma mill-unità kif ukoll il-kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji u volontarji ta' min iħaddem.

L-ispejjeż tal-persunal huma magħmula minn:

- pagi u salarji
- spejjeż tas-sigurtà soċjali ta' dawk li jħaddmu

Tiġi inkluża kull remunerazzjoni mħallsa matul il-perjodu ta' referenza, mingħajr ma jitqies jekk hijiex imħallsa fuq il-bażi ta' ħin ta' xogħol, produzzjoni jew xogħol bl-imqiegħta, u jekk titħallasx regolarment jew le. Hemm inklużi l-maċċi, il-bonusijiet tal-post tax-xogħol u l-prestazzjoni, il-pagamenti *ex gratia*, il-paga tat-tlettax-il xahar (u bonusijiet fissi simili), il-pagamenti magħmula lill-impjegati meta jitqiesu benefiċċji tas-sensja, l-akkommodazzjoni, it-trasport, l-għoli tal-ħajja u l-familja, kummissjonijiet, ħlasijiet tal-attendenza, sahra, xogħol ta' billejl eċċ. kif ukoll taxxi, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ammonti oħrajn dovuti mill-impjegati u miżmuma fras il-għajn minn dawk li jħaddmu.

Hemm inklużi wkoll l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għal min iħaddem. Dawn jinkludu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem lil skemi għal pensjonijiet tal-irtirar, mard, maternità, diżabbiltà, qgħad, inċidenti u mard marbut max-xogħol, benefiċċji tal-familja kif ukoll skemi oħrajn. Dawn l-ispejjeż huma inklużi irrispettivament minn jekk humiex statutorji, miftiehma b'mod kollettiv, kuntrattwali jew volontarji fin-natura tagħhom.

Il-pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji mhumiex inklużi fl-ispejjeż tal-persunal.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-ispejjeż tal-persunal jistgħu jiġu kkalkolati mill-intestaturi tal-kontabilità li ġejjin;

- Spejjeż tal-istaff, bħala s-somma tal-intestaturi pagi u salarji u spejjeż tas-sigurtà soċjali

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

L-ispejjeż tal-persunal jistgħu jiġu kkalkolati direttament mill-intestatura tal-kontabilità Spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati fir-rapport tad-dħul skont in-natura tal-ispejjeż

L-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati huma żvelati flimkien mar-rapport tad-dħul skont il-funzjoni tal-ispejjeż

Rabta ma' varjabbli oħrajn

L-ispejjeż tal-persunal huwa bbażat fuq

Pagi u salarji (13 32 0)

+ Spejjeż tas-sigurtà soċjali (13 33 0)

L-ispejjeż tal-persunal jintuża fil-kalkolu ta' Bilanċ favorevoli gross tal-operat (12 17 0) u aggregati u bilanċi oħrajn.

Kodiċi: 13 32 0

Isem: Pagi u salarji

Anness: I sa IV

Definizzjoni

Pagi u salarji huma definiti bħala "ir-remunerazzjoni totali, fi flus jew innatura, pagabbli lill-persuni kollha elenkati fuq il-lista tal-impjegati (inklużi ħaddiema li jaħdmu mid-dar), għal xogħol magħmul matul il-perjodu tal-kontabilità" irrispettivament jekk huwiex imħallas fuq il-bażi ta' ħin ta' xogħol, produzzjoni jew xogħol bl-imqiegħta u jekk hux imħallas regolarment jew le.

Pagi u salarji jinkludu l-valuri ta' kwalunkwe kontribuzzjoni soċjali, taxxi tad-dħul, eċċ. pagabbli mill-impjegat anke jekk dawn huma attwalment miżmuma minn min iħaddem u jitħallsu direttament fi skemi tal-assigurazzjoni soċjali, l-awtoritajiet tat-taxxi, eċċ. fisem l-impjegat. Il-pagi u s-salarji ma jinkludux kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli minn min iħaddem.

Pagi u salarji jinkludu: il-manċi kollha, bonusijiet, pagamenti *ex gratia*, "pagamenti tat-tlettax-il xahar", ħlasijiet għat-temm tal-impjeg, benefiċċji tal-akkomodazzjoni, it-trasport, l-għoli tal-ħajja, u l-familja, tips, kummissjoni, ħlasijiet tal-attendenza, eċċ. riċevuti mill-impjegati, kif ukoll taxxi, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ammonti oħrajn pagabbli mill-impjegati u miżmuma f'ras il-għajn minn min iħaddem. Il-pagi u s-salarji li min iħaddem ikompli jħallas fil-każ ta' mard, inċident marbut max-xogħol, lif tal-maternità jew xogħol f'perjodu qasir jistgħu jiġu rreġistrati hawnhekk jew taħt spejjeż tas-sigurtà soċjali, skont il-prassi tal-kontabilità tal-unità.

Il-pagamenti għal ħaddiema tal-aġenziji mhumiex inklużi fil-pagi jew is-salarji.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-pagi u s-salarji huma rreġistrati fil-kontijiet tal-kumpanija bħala l-intestatura Pagi u salarji.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-pagi u s-salarji huma parti mill-intestatura Spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati fir-rapport tad-dħul skont in-natura tal-ispejjeż

Il-pagi u s-salarji huma parti mill-intestatura Spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati flimkien mar-rapport tad-dħul skont il-funzjoni tal-ispejjeż

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-pagi u s-salarji jintuża fil-kalkolu ta' Spejjeż tal-Persunal (13 31 0)

Kodiċi: 13 33 0

Isem: Spejjeż tas-sigurtà soċjali

Anness: I sa IV

Definizzjoni

L-ispejjeż tas-sigurtà soċjali ta' dawk li jħaddmu jikkorrispondu għal ammont ugwali għall-valur tal-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa minn dawk li jħaddmu sabiex jassiguraw id-dritt tal-impjegati tagħhom għall-benefiċċji soċjali.

L-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għal min iħaddem jinkludu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem għal skemi għal pensjonijiet tal-irtirar, mard, maternità, diżabbiltà, qgħad, inċidenti u mard marbut max-xogħol, benefiċċji tal-familji kif ukoll skemi oħrajn.

Hemm inklużi l-ispejjeż għall-impjegati kollha inklużi l-ħaddiema li jaħdmu mid-dar u l-apprendisti.

Il-ħlasijiet huma inklużi għall-iskemi kollha, mingħajr ma jitqies jekk humiex statutorji, miftiehma b'mod kollettiv, kuntrattwali jew volontarji fin-natura tagħhom. Il-pagi u s-salarji li min iħaddem ikompli jħallas fil-każ ta' mard, inċident marbut max-xogħol, lif tal-maternità jew xogħol fuq perjodu qasir jistgħu jiġu rreġistrati hawnhekk jew taħt pagi u salarji, skont il-prassi tal-kontabilità tal-unità.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-ispejjeż tas-sigurtà soċjali huma rreġistrati fil-kontijiet tal-kumpanija bħala l-intestatura Spejjeż tas-sigurtà soċjali.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

L-ispejjeż tas-sigurtà soċjali huma parti mill-intestatura Spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati fir-rapport tad-dħul skont in-natura tal-ispejjeż

L-ispejjeż tas-sigurtà soċjali huma parti mill-intestatura Spejjeż tal-benefiċċji tal-impjegat żvelati flimkien mar-rapport tad-dħul skont il-funzjoni tal-ispejjeż

Rabta ma' varjabbli oħrajn

L-ispejjeż tas-sigurtà soċjali jintuża fil-kalkolu ta' Spejjeż tal-persunal (13 31 0)

Kodiċi: 13 41 1

Isem: Pagamenti għal kiri fit-tul u kirjiet operattivi ta' oġġetti

Anness: II u IV

Definizzjoni

Il-pagamenti għal kiri fit-tul jinkludu l-ħlasijiet kollha relatati mal-kiri ta' oġġetti tanġibbli għal perjodu itwal minn sena.

Kirjiet operattivi huma dawk il-kirjiet li ma jittrasferixxux sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha pertinenti għad-dritt ta' proprjetà lill-kerrej. Taħt kirja operattiva, il-kerrej jakkwista d-dritt biex juża oġġett durabbli għal ċertu perjodu ta' żmien, li jista' jkun twil jew qasir u mhux neċessarjament imħallas bil-quddiem. Meta jiskadi l-perjodu tal-kirja, sid il-kera jistenna li jingħata lura l-oġġett tiegħu xi ftit jew wisq fl-istess kundizzjoni bħal meta kien inkera, ħliet għal xedd u kedd normali. B'hekk il-perjodu tal-kiri ma jkoprix il-ħajja ekonomika kollha tal-oġġett, jew parti predominanti minnha. Il-pagamenti għall-kirja operattiva ta' oġġetti għandhom x'jaqsmu mal-ispiża tal-użu tal-oġġetti tanġibbli magħmula disponibbli għall-unità permezz ta' dawn il-kuntratti.

Jekk ir-riskji u l-benefiċċji kollha tad-dritt ta' proprjetà, fil-fatt iżda mhux bi dritt, jiġu ttrasferiti minn sid il-kera lill-kerrej, il-kirja hija waħda finanzjarja. F'kirja finanzjarja, il-perjodu tal-kirja jkopri l-ħajja ekonomika kollha, jew il-biċċa l-kbira tagħha, tal-oġġett durabbli. Fit-tmiem tal-perjodu tal-kirja l-kerrej ta' sikwit għandu l-għażla li jixtri l-oġġett bi prezz nominali. Sid il-kera ma għandux għalfejn ikollu kompetenza dwar l-oġġett inkwistjoni. Huwa ma joffri ebda servizz ta' tiswija, manteniment jew sostituzzjoni lill-kerrej. Normalment, l-oġġett jintagħżel mill-kerrej u jkun ikkunsinnat direttament lilu mill-produttur jew il-bejjiegħ. Ir-rwol ta' sid il-kera għalhekk huwa purament finanzjarju. Il-pagamenti kollha fir-rigward tal-kirja finanzjarja għandhom ikunu esklużi mill-varjabbli 13 41 1. Il-prezz tal-akkwist tal-oġġett inkwistjoni għandu jkun irreġistrat taħt investimenti grossi waqt l-akkwist tal-oġġett.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Il-pagamenti għal kiri fit-tul u kirja operattiva ta' oġġetti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti minn ħlasijiet esterni oħrajn u ħlasijiet oħrajn tal-operat.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Il-pagamenti għal kira fit-tul u kirja operattiva ta' oġġetti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti minn spejjeż oħrajn fir-rapport tad-dħul skont in-natura tal-ispejjeż

Il-pagamenti għal kira fit-tul u kirja operattiva ta' oġġetti ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija. Huwa parti minn spejjeż oħrajn fir-rapport tad-dħul skont il-funzjoni tal-ispejjeż.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn akkwisti Totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0)

Kodiċi: 15 11 0

Isem: Investiment gross f'oġġetti tanġibbli

Anness: I sa IV, VI u VII

Definizzjoni

Investiment matul il-perjodu ta' referenza f'oġġetti tanġibbli kollha. Hemm inklużi oġġetti kapitali tanġibbli ġodda u eżistenti, kemm jekk mixtrija minn partijiet terzi, akkwistati taħt kuntratt ta' kirja finanzjarja (jiġifieri d-dritt li jintuża oġġett durabbli bi skambju għal pagamenti ta' kera matul perjodu determinat minn qabel u mtawwal) jew prodott għal użu personali (jiġifieri Produzzjoni kapitalizzata ta' oġġetti kapitali tanġibbli), li għandhom ħajja utli ta' aktar minn sena inklużi oġġetti tanġibbli mhux prodotti bħal art. Il-limitu għal ħajja utli ta' oġġett li jista' jiġi kkapitalizzat jista' jiġi miżjud skont il-prassi tal-kontabilità tal-kumpanija fejn din il-prassi teħtieġ ħajja utli mistennija ta' aktar mil-limitu ta' sena msemmi hawn fuq.

L-investimenti kollha huma vvalutati qabel (jiġifieri l-gross ta') aġġustamenti tal-valur, u qabel it-tnaqqis ta' dħul minn ċessjonijiet. L-oġġetti akkwistati huma vvalutati bi prezzijiet tal-akkwist, jiġifieri huma inklużi ħlasijiet tat-trasport u l-installazzjoni, tariffi, taxxi u spejjeż oħrajn ta' trasferiment ta' dritt ta' proprjetà. Il-valur ta' oġġetti akkwistati permezz ta' kirja finanzjarja jikkorrispondi għall-valur tas-suq tal-oġġett kieku kien mixtri fis-sena tal-akkwist biss. Dan il-valur bi prinċipju huwa magħruf fil-kuntratt jew jista' jkun stmat billi tiġi magħduda l-parti tal-ħlasijiet bin-nifs li jkopru r-rimborż kapitali. Il-parti tal-ħlasijiet bin-nifs li jikkorrispondu għall-pagamenti tal-imgħaxijiet għandhom jiġu esklużi. Oġġetti tanġibbli prodotti personalment huma vvalutati bi prezzijiet tal-produzzjoni. Huma esklużi oġġetti mixtrija permezz ta' ristrutturazzjonijiet (bħal amalgamazzjonijiet, teħid ta' kontroll, frid, separazzjoni). L-akkwisti ta' għodod zġhar li mhumiex kapitalizzati huma inklużi fin-nefqa kurrenti.

Hemm inklużi wkoll iż-żidiet, l-alterazzjonijiet, it-titjib u r-rinnovazzjonijiet kollha li jtaqlu l-ħajja tas-servizz jew iżidu l-kapaċità produttiva ta' oġġetti kapitali.

Huma esklużi l-ispejjeż tal-manteniment kurrenti kif ukoll il-valur u n-nefqa kurrenti ta' oġġetti kapitali użati taħt kuntratti ta' kera u kirja operattiva. Għandhom jiġu esklużi pagamenti annwali għal assi użati taħt kirja finanzjarja. Huma esklużi investimenti f'assi intanġibbli u finanzjarji.

Barra minn hekk il-kirja finanzjarja hija kkaratterizzata mill-fatt li r-riskji u l-benefiċċji kollha tad-dritt ta' proprjetà huma fil-fatt iżda mhux bi dritt ittrasferiti minn sid il-kera lill-kerrej. Il-perjodu tal-kirja jkopri l-ħajja ekonomika kollha, jew il-biċċa l-kbira tagħha, tal-oġġett durabbli. Fit-tmiem il-perjodu tal-kirja l-kerrej ta' sikwit għandu l-għażla li jixtri l-oġġett bi prezz nominali. Ir-rwol ta' sid il-kera huwa purament finanzjarju.

Għal dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrar ta' investimenti fejn il-fatturar, il-kunsinna, il-ħlas u l-ewwel użu tal-oġġett jista' jsir f'perjodi ta' referenza differenti, il-metodu li ġej huwa propost bħala objettiv:

L-investimenti huma rreġistrati meta d-dritt ta' proprjetà hija ttrasferita lill-unità li hija intiża li tużahom. Għall-oġġetti akkwistati permezz ta' kirja finanzjarja l-valur għandu jkun irreġistrat meta l-oġġett huwa kkunsinnat lill-kerrej. Il-produzzjoni kapitalizzata hija rreġistrata meta prodotta. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni ta' investimenti magħmula fi stadji li jistgħu jiġu identifikati, kull parti tal-investment għandha tkun irreġistrata fil-perjodu ta' referenza li jsiru fih.

Fil-prattika dan jista' ma jkunx possibbli u l-konvenzjonijiet tal-kontabilità tal-kumpanija jistgħu jfissru li jeħtieġ li jintużaw l-approssimazzjonijiet li ġejjin għal dan il-metodu:

- i) investimenti jiġu rreġistrati fil-perjodu ta' referenza meta jiġu kkunsinnati,
- ii) investimenti jiġu rreġistrati fil-perjodu ta' referenza meta jidħlu fil-proċess tal-produzzjoni,
- iii) investimenti jiġu rreġistrati fil-perjodu ta' referenza meta tinħareġ fattura għalihom,
- iv) investimenti jiġu rreġistrati fil-perjodu ta' referenza meta jiġu mħallsa.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-investment mhux irreġistrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha kif ukoll l-aġġustamenti tal-valur ta' dawn l-assi fissi jidhru fil-karta tal-bilanċ jew fin-noti għall-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-oġġetti tanġibbli huma elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Assi fissi – assi tanġibbli. Il-valur tal-oġġetti tanġibbli akkwistati permezz ta' kirja finanzjarja mhijiex imsemija fir-IV Direttiva tal-Kontabilità. Madankollu, xi standards nazzjonali tal-kontabilità jippermettu li dawn l-oġġetti jiġu kkapitalizzati fil-karta tal-bilanċ.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

L-oġġetti tanġibbli huma elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Proprjetà, impjanti u tagħmir. Informazzjoni dwar kirjiet finanzjarji għandha titqassam separatament fil-kontijiet tal-kumpanija.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Investiment gross f'oġġetti tanġibbli huwa bbażat fuq

Investiment gross f'art (15 12 0)

+ Investiment gross f'bini u strutturi eżistenti (15 13 0)

+ Investiment gross fil-kostruzzjoni u l-alterazzjoni ta' bini (15 14 0)

+ Investiment gross f'makkinarju u tagħmir (15 15 0)

L-investment gross f'oġġetti tanġibbli jista' jkun ikbar mis-somma ta' 15 12 0 + 15 13 0 + 15 14 0 + 15 15 0 billi hemm entrati ta' assi bħal arti, foresti, għonja tas-siġar tal-frott, bhejjem... li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-ebda waħda mill-kategoriji ta' oġġetti tanġibbli.

Kodiċi: 15 12 0

Isem: Investiment gross f'art

Anness: II sa IV

Definizzjoni

Hemm inklużi taħt din il-varjabbli, flimkien ma' art, id-depożiti ta' taħt l-art, il-foresti u l-ilmijiet interni. Meta art tinxtara b'bini eżistenti u l-valur taż-żewġ komponenti ma jistax jiġi sseparat, it-total huwa rreġistrat taħt din l-intestatura jekk huwa stmat li l-valur tal-art jaqbeż il-valur tal-bini eżistenti. Jekk il-bini eżistenti huma stmati li huma ta' valur akbar mill-art, it-total jiġi rreġistrat taħt investment gross f'bini u strutturi eżistenti (15 13 0). Hija inkluzja hawnhekk ukoll art li tiġi mtejba xi f'it bit-twertija, it-tqegħid ta' pajpijiet jew bil-provvediment ta' mogħdijiet jew toroq. Hija eskluża l-art akkwistata permezz ta' ristrutturazzjonijiet (bħal amalgamazzjonijiet, teħid ta' kontroll, frid, separazzjoni).

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-investment mhux irreġistrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha kif ukoll l-aġġustamenti tal-valur ta' dawn l-assi fissi jidhru fil-karta tal-bilanċ jew in-noti għall-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-art mhijiex iżolata fil-lista ta' assi tanġibbli inklużi fil-kontijiet tal-kumpanija tagħha Assi fissi – assi tanġibbli – Art u bini. Il-parti relatata mal-bini għandha tiġi eskluża minn dan. Parti minn pagamenti fuq il-kont u assi tanġibbli fil-fażi ta' kostruzzjoni għandhom jiġu inklużi sakemm dawn huma relatati ma' art.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Investiment gross f'art mhuwiex iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija, huwa inkluż taħt Proprjetà, impjanti u tagħmir

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Investiment gross f'oġġetti tanġibbli (15 11 0)

Kodiċi: 15 13 0

Isem: Investiment gross f'bini u strutturi eżistenti

Anness: II sa IV

Definizzjoni

L-investiment jinkludi l-ispiża tal-bini eżistenti (li ntużaw qabel) u strutturi li ġew akkwistati matul il-perjodu ta' referenza. Meta art tinxtara b'bini eżistenti u l-valur taż-żewġ komponenti mhuwiex separabbli, it-total huwa rreġistrat taħt din l-intestatura jekk huwa stmat li l-valur tal-bini eżistenti jaqbeż il-valur tal-art. Jekk l-art hija stmata ta' valur ikbar mill-bini eżistenti, it-total huwa rreġistrat taħt investiment gross f'art (15 12 0). Huma esklużi l-akkwisti ta' bini ġdid li qatt ma ntużaw. Huma esklużi bini u strutturi eżistenti mixtrija permezz ta' ristrutturazzjonijiet (bħal amalgamazzjonijiet, teħid ta' kontroll, frid, separazzjoni).

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-investiment mhux irreġistrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha kif ukoll l-aġġustamenti tal-valur ta' dawn l-assi fissi jidhru fil-karta tal-bilanċ jew in-noti għall-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-investiment gross f'bini u strutturi eżistenti mhuwiex iżolat fil-lista ta' assi tanġibbli inklużi fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Assi fissi – assi tanġibbli – Art u bini. Il-partijiet relatati ma' Art u kostruzzjoni u alterazzjoni ta' bini għandhom jiġu esklużi minn dan. Parti minn pagamenti fuq il-kont u assi tanġibbli fil-fażi ta' kostruzzjoni għandhom jiġu inklużi sakemm dawn għandhom x'jaqsmu ma' bini u strutturi eżistenti.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Investiment gross f'bini u strutturi eżistenti mhuwiex iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija, huwa inkluż taħt Proprjetà, impjanti u tagħmir

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Investiment gross f'oġġetti tanġibbli (15 11 0)

Kodiċi: 15 14 0

Isem: Investiment gross fil-kostruzzjoni u l-alterazzjoni ta' bini

Anness: II sa IV

Definizzjoni

Din il-varjabbli tkopri n-nefqa matul il-perjodu ta' referenza fuq il-kostruzzjoni jew il-bidla ta' bini. Hemm inklużi l-akkwisti ta' bini ġdid li qatt ma ġie użat. Hemm inklużi wkoll iż-żidiet, l-alterazzjonijiet, it-titjib u r-rinnovazzjonijiet kollha li jtawlu l-ħajja tas-servizz jew iżidu l-kapaċità produttiva tal-bini.

Hemm inklużi installazzjonijiet permanenti bħall-provvista tal-ilma, it-tisħin ċentrali, l-arja kkundizzjonata, id-dawl, eċċ. kif ukoll in-nefqa tal-kostruzzjoni li għandha x'taqsam ma' bjar taż-żejt (tħaffir), minjieri operattivi, pipelines, linji tat-trażmissjoni tal-elettriku, pajpijiet tal-gass, linji tal-ferroviji, installazzjonijiet tal-portijiet, toroq, pontijiet, vjadotti, katusi tad-drenaġġ u titijb ieħor tas-sit. Huma esklużi l-ispejjeż kurrenti tal-manteniment.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-investment mhux irregiŋtrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha kif ukoll l-aġġustamenti tal-valur ta' dawn l-assi fissi jidhru fil-karta tal-bilanċ jew in-noti għall-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-investment gross fil-kostruzzjoni u l-alterazzjoni ta' bini mhuwiex iżolat fil-lista ta' assi tanġibbli inklużi fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Assi fissi – assi tanġibbli – Art u bini. Il-partijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Art u bini u strutturi eżistenti għandhom jiġu esklużi minn dan. Parti minn pagamenti fuq il-kont u assi tanġibbli fil-fażi ta' kostruzzjoni għandhom jiġu inklużi sakemm dawn għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni u l-alterazzjoni eżistenti ta' bini.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Investiment gross fil-kostruzzjoni u l-alterazzjoni ta' bini mhuwiex iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija, huwa inkluż taħt Proprjetà, impjanti u tagħmir

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Investment gross f'oġġetti tanġibbli (15 11 0)

Kodiċi: 15 15 0

Isem: Investment gross f'makkinarju u tagħmir

Anness: II sa IV

Definizzjoni

Din il-varjabbli tkopri l-makkinarju (magni tal-uffiċċju, eċċ.), vetturi speċjali użati fuq il-post, makkinarju u tagħmir ieħor, il-vetturi u d-dgħajjes kollha li jintużaw barra mill-post, jiġifieri, karozzi, vetturi u trakkijiet kummerċjali kif ukoll vetturi speċjali ta' kull tip, dgħajjes, vaguni tal-ferroviji, eċċ. akkwistati għodda jew diġà użati matul il-perjodu ta' referenza. Huwa eskluż makkinarju u tagħmir mixtri permezz ta' ristrutturazzjonijiet (bħal amalgamazzjonijiet, teħid ta' kontroll, frid u separazzjoni). Hemm inklużi wkoll iż-żidiet, l-alterazzjonijiet, it-titijb u r-rinnovazzjonijiet li jtaqlu l-ħajja tas-servizz jew iżidu l-kapaċità produttiva ta' dawn l-oġġetti kapitali. Huma esklużi l-ispejjeż kurrenti tal-manteniment.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-investment mhuwiex irregiŋtrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha kif ukoll l-aġġustamenti tal-valur ta' dawn l-assi fissi jidhru fil-karta tal-bilanċ jew in-noti tal-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Investiment gross f'makkinarju u tagħmir huwa inkluż fil-lista ta' assi tanġibbli inklużi fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Assi fissi – assi tanġibbli – Impjanti u makkinarju u oġġetti u tagħmir fiss ieħor, għodod u tagħmir. Parti minn pagamenti fuq il-kont u assi tanġibbli fil-fażi ta' kostruzzjoni għandhom jiġu inklużi sakemm dawn għandhom x'jaqsmu ma' makkinarju u tagħmir.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Investiment gross f'makkinarju u tagħmir mhuwiex iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija, huwa inkluż taħt Proprjetà, impjanti u tagħmir. Parti minn pagamenti fuq il-kont u assi tanġibbli fil-fażi ta' kostruzzjoni għandhom jiġu inklużi sakemm dawn għandhom x'jaqsmu ma' makkinarju u tagħmir

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Investment gross f'oġġetti tanġibbli (15 11 0)

Kodiċi: 15 21 0

Isem: Bejgħ ta' oġġetti tal-investment tanġibbli

Anness: II sa IV

Definizzjoni

Il-bejgħ ta' oġġetti tanġibbli jinkludi l-valur ta' oġġetti kapitali tanġibbli eżistenti, mibjugħa lil partijiet terzi. Il-bejgħ ta' oġġetti kapitali tanġibbli huwa vvalutat bil-prezz attwalment riċevut (eskluzja l-VAT), u mhux bil-valur tar-reġistri, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà mħallsa mill-bejjiegħ. Huma esklużi l-aġġustamenti tal-valur u ċ-ċessjonijiet li mhumiex b'bejgħ

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-bejgħ ta' oġġetti ta' investment mhumiex irregjistrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha jidhru fil-karta tal-bilanċ jew in-noti tal-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Oġġetti ta' investment tanġibbli jirreferi għal assi elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Assi fissi – assi tanġibbli.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Oġġetti ta' investment tanġibbli jirreferi għal assi elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Proprjetà, impjanti u tagħmir

Kodiċi: 15 42 0

Isem: Investment gross f'konċessjonijiet, privattivi, liċenzji, trademarks u drittijiet simili

Anness: II

Definizzjoni

L-investment f'konċessjonijiet, privattivi, liċenzji, trademarks u drittijiet simili huwa rikonoxxut bħala assi intanġibbli jekk u biss jekk huwa probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri li huma attribwiti għall-ass ser imorru lejn l-impriża u jekk l-ispiża tal-ass tista' titkejjel b'mod affidabbli. Dan ir-reqwizit japplika kemm jekk ass intanġibbli jiġix akkwistat esternament jew iġġenerat internament.

Konċessjoni hija negozju li jopera b'kuntratt jew liċenzja assoċjata ma' grad ta' esklużività fl-isfruttar ta' negozju fi ħdan ċerta żona ġeografika. Pereżempju, areni tal-isports jew parks pubbliċi jista' jkollhom stands b'konċessjoni; u servizzi pubbliċi bħall-provvista tal-ilma jista' jiġu operati bħala konċessjonijiet. Is-sid tal-konċessjoni – il-konċessjonarju – jopera bħala negozju indipendenti u jħallas tariffa fissa, persentaġġ tad-dħul jew qligħ, jew it-tnejn lill-entità bil-kapaċità li tassinja drittijiet esklużivi għal żona jew faċilità. Konċessjoni tista' tinvolvi t-trasferiment lill-konċessjonarju tad-dritt li juża xi infrastruttura eżistenti meħtieġa biex imexxi negozju (bħal sistema tal-provvista tal-ilma f'belt).

Privattiva hija titolu legali ta' proprjetà industrijali li tagħti lis-sid tagħha d-dritt esklużiv li jisfrutta invenzjoni b'mod kummerċjali għal żona u żmien limitat. Il-privattiva tagħti lis-sid id-dritt li jwaqqaf lil ħaddieħor milli, fost affarijiet oħrajn, jagħmel, juża jew ibiegħ tali invenzjoni mingħajr permess. Biex jingħata d-dritt esklużiv ta' sfruttament, jeħtieġ li jiġu ppubblikati d-dettalji tekniċi tal-invenzjoni. Sabiex tingħata privattiva, jeħtieġ li l-invenzjoni tkun innovattiva, inventiva u applikabbli fl-industrija.

Liċenzjatur jista' jagħti liċenzja taħt "proprjetà intellettuali biex xi ħaġa ssir (bħal ikkuppjar ta' softwer jew użu ta' invenzjoni protetta bi privattiva) mingħajr biża" li titressaq azzjoni għal ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali mil-liċenzjatur. Liċenzja taħt proprjetà intellettuali komunament għandha bosta partijiet komponenti, inklużi perjodu, territorju, tiġdid, kif ukoll limitazzjonijiet oħrajn li huma kkunsidrati essenzjali għal-liċenzjatur.

Trademark hija marka distintiva li tista' tiġi rrappreżentata grafikament. Hija għodda kompetittiva li biha l-industriji u negozji oħrajn jistgħu jħajru u jżommu klijenti billi jiddistingwu l-oġġetti u s-servizzi tagħhom minn dawk tal-kompetituri

Marka tintuża biex tiddistingwi prodott jew servizz. Trademarks jistgħu jkunu b'żewġ jew bi tliet dimensjonijiet u jistgħu jkunu magħmula minn kliem, stampi, kuluri, u/jew ħsejjes eċċ.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-investment mhux irreġistrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha kif ukoll l-aġġustamenti tal-valur ta' dawn l-assi fissi jidhru fil-karta tal-bilanċ jew in-noti tal-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Konċessjonijiet, privattivi, liċenzji, trademarks u drittijiet simili jirreferu għal assi elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Assi fissi – assi intanġibbli.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Konċessjonijiet, privattivi, liċenzji, trademarks u drittijiet simili jirreferu għal assi elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt assi intanġibbli.

Kodiċi: 15 44 1

Isem: Investment f'softwer akkwistat

Anness: II, IV

Definizzjoni

L-investment f'softwer mixtri huwa rikonoxxut bħala assi intanġibbli jekk u biss jekk huwa probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri li huwa attribwiti lill-assi ser imorru lejn l-impriża u jekk l-ispiża tal-assi tista' titkejjel b'mod affidabbli. Jekk l-akkwist ta' softwer ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, huwa rikonoxxut bħala spiża meta jseħħ u jkun inkluż fil-valur tal-varjabbli 13 11 0 Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi.

L-investment f'softwer akkwistat jinkludi l-prezz tal-akkwist tiegħu, inklużi kwalunkwe dazju tal-importazzjoni u taxxi fuq l-akkwist mhux rimborżabbli, u kwalunkwe nefqa li tista' tkun attribwita direttament għat-tħejjija tas-software għall-użu intiż. In-nefqa li tista' tkun attribwita direttament tinkludi, pereżempju, ħlasijiet professjonali għall-installazzjoni tiegħu. Kwalunkwe skont u rifużjoni kummerċjali jitnaqqas sabiex wieħed jaasal għall-prezz.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-investment mhux irreġistrat fil-karta tal-bilanċ. Madankollu, iż-żidiet, iċ-ċessjonijiet u t-trasferimenti tal-assi fissi kollha kif ukoll l-aġġustamenti tal-valur ta' dawk l-assi fissi jidhru fil-karta tal-bilanċ jew in-noti għall-kontijiet.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

L-investimenti fis-software huma elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt Assi fissi – assi intanġibbli.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

L-investimenti fis-software jirreferu għal assi elenkati fil-kontijiet tal-kumpanija taħt assi intanġibbli.

Kodiċi: 16 11 0

Isem: Numru ta' persuni impjegati

Anness: I sa VII

Definizzjoni

In-numru ta' persuni impjegati huwa definit bħala n-numru totali ta' persuni li jaħdmu fl-unità ta' osservazzjoni (inklużi l-proprjetarji li jaħdmu, insieħba li jaħdmu regolarment fl-unità u ħaddiema tal-familja mhux imħallsin li jaħdmu regolarment fl-unità), kif ukoll persuni li jaħdmu barra mill-unità li jagħmlu parti minnha u huma mħallsin minnha (pereżempju, rappreżentanti tal-bejgħ, persunal tal-kunsinni, timijiet tat-tiswijiet u l-manteniment). Jinkludi wkoll persuni assenti għal perjodu qasir (pereżempju lif tal-mard, lif imħallas jew lif speċjali), u anke daww fuq strajk, iżda mhux daww assenti għal perjodu indefinit. Jinkludi wkoll ħaddiem part-time li huma meqjusa hekk taħt il-liġijiet tal-pajjiż ikkonċernat u li huma fuq il-lista tal-impjegati, kif ukoll ħaddiema staġjonali, apprendisti u ħaddiema li jaħdmu mid-dar fuq il-lista tal-impjegati.

In-numru ta' persuni impjegati jeskludi nies tax-xogħol provduti lill-unità minn impriżi oħrajn, persuni li qed jagħmlu xogħol ta' tiswija u manteniment fl-unità ta' informazzjoni fisem impriżi oħrajn, kif ukoll daww li qegħdin fis-servizz militari obbligatorju.

Ħaddiema tal-familja mhux imħallsin jirreferu għal persuni li jgħixu mal-proprjetarju tal-unità u li jaħdmu regolarment għall-unità, iżda li ma għandhom kuntratt ta' servizz u ma jirċevux somma fissa għax-xogħol li jagħmlu. Dan huwa limitat għal daww il-persuni li mhumiex inklużi fil-lista tal-impjegati ta' unità oħra bħala l-okkupazzjoni prinċipali tagħhom.

Nota: Sabiex tkun tista' tiġi ċċekkjata l-paragunabilità tad-dejta, jeħtieġ li jiġi indikat jekk ħaddiema volontarji ġeww inklużi jew le taħt din l-intestatura.

In-numru ta' persuni impjegati huwa għadd ta' nies wieħed wieħed u jitkejjel bħala medja annwali bl-użu ta' **mill-inqas** dejta għal kull tliet xhur tas-sena ħlief għall-istatistika dwar l-attivitajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Annessi V, VI u VII għar-Regolament (KE) Nru 295/2008 għal liema l-kalkolu jista' jsir fuq il-bażi tad-dejta bi frekwenza aktar baxxa.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

In-numru ta' persuni impjegati huwa rreġistrat fin-noti tal-kontijiet tal-kumpanija (l-Artikolu 43 (9)).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' persuni impjegati jista' jitqassam fin-Numru ta' impjegati (16 13 0) u ħaddiema impjegati mhux imħallsin (16 12 0).

Kodiċi: 16 11 1

Isem: Numru ta' persuni impjegati mqassmin skont il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

Anness: VI

Definizzjoni:

In-numru ta' persuni impjegati (ara l-varjabbli 16 11 0) jitqassam skont il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu hekk kif ġej: Banek liċenzjati, Istituzzjonijiet speċjalizzati għall-ġhoti ta' kreditu, Istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn. Dan it-tqassim jippermetti l-allokazzjoni tal-kategoriji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għall-klassijiet tan-NACE Rev.2 rilevanti.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' persuni impjegati mqassmin skont il-kategorija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu huwa tqassim ulterjuri tan-numru ta' persuni impjegati (16 11 0).

Kodiċi: 16 11 2

Isem: Numru ta' nisa impjegati

Anness: VI

Definizzjoni:

In-numru ta' persuni impjegati (ara l-varjabbli 16 11 0) tas-sess femminili.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' nisa impjegati huwa parti min-numru ta' persuni impjegati (16 11 0).

Kodiċi: 16 12 0

Isem: Numru ta' persuni impjegati mhux imħallsin

Anness: I sa IV u VI

Definizzjoni

In-numru ta' persuni impjegati mhux imħallsin huwa definit bħala n-numru ta' persuni li jaħdmu regolament fl-unità ta' osservazzjoni u li ma jirċevux kumpens fil-forma ta' pagi, salarji, ħlasijiet, manċi, paga għal xogħol imħallas bl-imqietgħa jew remunerazzjoni innatura (ħaddiema tal-familja mhux imħallsin, proprjetarji li jaħdmu li ma jirċevux kumpens fil-forma ta' pagi, salarji, ...).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' persuni impjegati mhux imħallsin (16 123 0) huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn in-numru ta' persuni impjegati (16 11 0) u n-numru ta' impjegati (16 13 0).

Kodiċi: 16 13 0

Isem: Numru ta' impjegati

Anness: I sa IV u VI

Definizzjoni

In-numru ta' impjegati huwa definit bħala dawk il-persuni li jaħdmu għal persuna li tħaddem u li għandu kuntratt tal-impjieg u jirċievu kumpens fil-forma ta' pagi, salarji, ħlasijiet, manċi, paga għal xogħol imħallas bl-imqiegha jew remunerazzjoni innatura. (Il-persuni kollha għal liema l-pagamenti jitniżżlu taħt l-intestatura spejjeż tal-persunal fil-kontijiet tal-qligħ u t-telf tal-impriża għandhom ikunu inklużi anke jekk f'xi każijiet ma jeżisti ebda kuntratt tal-impjieg).

Ir-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat teżisti meta hemm ftehim, li jista' jkun formali jew informali, bejn impriża u persuna, li normalment jintlaħaq b'mod volontarju miż-żewġ partijiet, fejn il-persuna taħdem għall-impriża għal remunerazzjoni fi flus jew innatura.

Ħaddiem huwa kkunsidrat persuna li jieħu paga jew salarju ta' unità partikolari jekk huwa jew hija tirċievi paga jew salarju mill-unità mingħajr ma jitqies fejn isir ix-xogħol (għewwa jew barra mill-unità ta' produzzjoni). Ħaddiem minn aġenzija ta' impjieg temporanju huwa kkunsidrat li huwa impjegat tal-aġenzija ta' impjieg temporanju u mhux tal-unità (il-klijent) li jaħdem fiha.

B'mod partikolari dawn li ġejjin huma kkunsidrati bħala impjegati:

- proprjetarji li jaħdmu mħallsin;
- studenti li għandhom impenn formali li bih huma jikkontribwixxu għall-proċess ta' produzzjoni tal-unità għal remunerazzjoni u/jew servizzi edukattivi;
- impjegati mqabba taħt kuntratt imfassal speċifikament biex jinkoraġġixxi r-reklutaġġ ta' persuni qiegħda;
- ħaddiema li jaħdmu mid-dar jekk hemm ftehim espliċitu li l-ħaddiem li jaħdem mid-dar huwa remunerat fuq il-bażi tax-xogħol magħmul u huma inklużi fil-lista tal-impjegati.

In-numru ta' impjegati jinkludi ħaddiema part-time, ħaddiema staġjonali, persuni fuq strajk jew fuq lif għal perjodu qasir, iżda jeskludi dawk il-ħaddiema fuq lif għal perjodu twil.

In-numru ta' impjegati ma jinkludix ħaddiema volontarji.

In-numru ta' impjegati huwa kkalkolat fl-istess mod bħan-Numru ta' persuni impjegati, jiġifieri huwa għadd ta' nies wieħed wieħed u jitkejjel bħala medja annwali bl-użu tad-dejta għal mill-inqas kull tliet xhur tas-sena ħliet għall-istatistika dwar l-attivajiet definiti fit-Taqsima 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 295/2008 għal liema l-kalkolu jista' jsir fuq il-bażi tad-dejta bi frekwenza aktar baxxa.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Numru ta' persuni impjegati (16 11 0)

Kodiċi: 16 13 6

Isem: Numru ta' impjegati nisa

Anness: VI

Definizzjoni:

In-numru ta' impjegati (ara l-varjabbli 16 13 0) tas-sess femminili.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' impjegati nisa huwa parti min-numru ta' impjegati (16 13 0).

Kodiċi: 16 14 0

Isem: Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti għal full time

Anness: I sa IV u VI

Definizzjoni

In-numru ta' impjegati mibdul f'ekwivalenti għal full time (FTE).

Iċ-ċifri għan-numru ta' persuni li jaħdmu inqas mill-ħin tax-xogħol standard ta' sena ta' ħidma ta' ħaddiem full-time, għandhom jiġu mibdula f'ekwivalenti għal full time, fir-rigward tal-ħin tax-xogħol ta' sena ta' ħidma ta' impjegat full-time fl-unità. Dan huwa s-sigħat totali maħduma diviżi min-numru annwali medju ta' sigħat maħduma f'impjegi full-time fi ħdan it-territorju ekonomiku. Billi t-tul ta' impjeg full-time inbidel maż-żmien u huwa differenti bejn l-industriji, għandhom jintużaw metodi li jstabbilixxu l-proporzjon medju u s-sigħat medji ta' impjegi ta' inqas minn full-time għal kull grupp ta' impjegi. L-ewwel trid tiġi stmata ġimgħa full-time normali f'kull grupp ta' impjegi. Jekk huwa possibbli, grupp ta' impjegi jista' jiġi definit, f'industrija, skont is-sess u (jew) it-tip ta' xogħol tan-nies. Is-sigħat miftiehma b'kuntratt jistgħu jikkostitwixxu impjegi tal-impjegati, il-kriterji xierqa biex jiġu ddeterminati dawk iċ-ċifri. L-ekwivalenti għal full-time huwa kkalkolat separatament għal kull grupp ta' impjegi, imbagħad magħdud.

Hemm inklużi f'din il-kategorija l-persuni li jaħdmu inqas minn ġurnata tax-xogħol standard, inqas min-numru standard ta' ġranet tax-xogħol fil-ġimgħa, jew inqas min-numru standard ta' ġimgħat/xhur fis-sena. Il-bidla għandha ssir fuq il-bażi tan-numru ta' sigħat, ġranet, ġimgħat jew xhur maħduma.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-Numri ta' sigħat maħduma minn impjegati (16 15 0) jista' jintuża fil-bidla tan-Numru ta' impjegati (16 13 0) f'ekwivalenti għal full-time.

Kodiċi: 16 15 0

Isem: Numru ta' sigħat maħduma minn impjegati

Anness: II u IV

Definizzjon

In-numru totali ta' sigħat maħduma minn impjegati jirrappreżenta n-numru totali ta' sigħat attwalment maħduma għall-produzzjoni tal-unità ta' osservazzjoni matul il-perjodu ta' referenza.

Dan il-varjabbli jeskludi s-sigħat imħallsa iżda attwalment mhux maħduma bħal lif annwali, vaganzi u lif tal-mard. Huwa jeskludi wkoll il-brejks għall-ikel u l-ivvjaġġar bejn id-dar u x-xogħol.

Hemm inklużi s-sigħat attwalment maħduma matul sigħat tax-xogħol normali; is-sigħat maħduma flimkien ma' dawk; ħin fuq il-post tax-xogħol fuq ħidmiet bħal thejġja tas-sit u ħin li jikkorrispondi għal perjodi qosra ta' serħan fuq il-post tax-xogħol.

Jekk in-numru eżatt ta' sigħat attwalment maħduma mhux magħruf, jista' jiġi smat fuq il-bażi tan-numru teoretiku ta' sigħat maħduma u r-rata medja ta' assenzi (mard, maternità, eċċ.).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-numru ta' sigħat maħduma minn impjegati jista' jintuża fil-bidla tan-Numru ta' impjegati (16 13 0) fin-Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti għal full time (16 14 0).

Kodiċi: 16 91 0

Isem: Numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni ta' impriżi attivi ft

Anness: IX

Definizzjoni

In-numru ta' persuni impjegati huwa definit bħala n-numru totali ta' persuni li jaħdmu fl-unità ta' osservazzjoni (inklużi l-proprietarji li jaħdmu, l-imsieħba li jaħdmu regolarment fl-unità u l-ħaddiema tal-familja mhux imħallsin), kif ukoll persuni li jaħdmu barra mill-unità li huma parti minnha u jitħallsu minnha (pereżempju rappreżentanti tal-bejgħ, persunal tal-kunsinni, timijiet tat-tiswija u l-manteniment). Jinkludi wkoll persuni assenti għal perjodu qasir (pereżempju lif tal-mard, lif imħallas jew lif speċjali), u anke dawk fuq strajk, iżda mhux dawk assenti għal perjodu indefinit. Jinkludi wkoll il-ħaddiema part-time li huma meqjusa hekk taħt il-liġijiet tal-pajjiż ikkonċernat u li huma fuq il-lista tal-impjegati, kif ukoll ħaddiema staġjonali, apprendisti u ħaddiema li jaħdmu mid-dar li huma fuq il-lista tal-impjegati.

In-numru ta' persuni impjegati jeskludi l-ħaddiema pprovduti lill-unità minn impriżi oħrajn, persuni li jagħmlu xogħol ta' tiswija u manteniment fl-unità ta' informazzjoni f'isem impriżi oħrajn, kif ukoll dawk fis-servizz militari obbligatorju.

Ħaddiema tal-familja mhux imħallsin jirreferu għal persuni li jgħixu mal-proprietarju fl-unità u jaħdmu regolarment għall-unità, iżda li ma għandhomx kuntratt ta' servizz u ma jirċevux somma fissa għax-xogħol li jagħmlu. Dan huwa limitat għal dawk il-persuni li mhumx inklużi fuq il-lista tal-impjegati ta' unità oħra bħala l-okkupazzjoni prinċipali tagħhom.

Nota: Sabiex jiġi ċċekkjat il-paragunabilità tad-dejta, jeħtieġ li jiġi indikat jekk ħaddiema volontarji ġewx inklużi jew le taħt din l-intestatura.

Kodiċi: 16 91 1

Isem: Numru ta' impjegati fil-popolazzjoni ta' impriżi attivi ft

Anness: IX

Definizzjoni

In-numru ta' impjegati huwa definit bħala dawk il-persuni li jaħdmu għal persuna li tħaddem u li għandhom kuntratt ta' impjeg u jirċievu kumpens fil-forma ta' pagi, salarji, ħlasijiet, manċi, paga għal xogħol imħallas bl-imqietgħa jew remunerazzjoni innatura.

Ir-relazzjoni bejn persuna li tħaddem u impjegat teżisti fejn hemm ftehim, li jista' jkun formali jew informali, bejn impriża u persuna, li normalment iseħħ b'mod volontarju bejn iż-żewġ partijiet, fejn il-persuna taħdem għall-impriża għal remunerazzjoni fi flus jew innatura.

Ħaddiem huwa kkunsidrat persuna li tiegħu paga jew salarju ta' unità partikolari jekk huwa jew hija tirċievi paga jew salarju mill-unità mingħajr ma jitqies fejn isir ix-xogħol (għewwa jew barra mill-unità tal-produzzjoni). Ħaddiem minn aġenzija ta' impjeg temporanju huwa kkunsidrat li huwa impjegat tal-aġenzija ta' impjeg temporanju u mhux tal-unità (il-kljent) fejn jaħdem.

B'mod partikolari dawn li ġejjin huma kkunsidrati bħala impjegati:

- proprjetarji li jaħdmu mħallsin;
- studenti li għandhom impenn formali fejn huma jikkontribwixxu għall-proċess tal-produzzjoni tal-unità għal remunerazzjoni u/jew servizzi edukattivi;
- impjegati mqabba taħt kuntratt imfassal speċifikament biex jinkorraġixxi r-reklutaġġ ta' persuni qiegħda;
- ħaddiema li jaħdmu mid-dar jekk hemm ftehim espliċitu li l-ħaddiem li jaħdem mid-dar huwa remunerat fuq il-bażi tax-xogħol magħmul u huma inklużi fuq il-lista tal-impjegati.

In-numru ta' impjegati jinkludi ħaddiema part-time, ħaddiema staġjonali, persuni fuq strajk jew fuq lif għal perjodu qasir, iżda jeskludi dawk il-persuni fuq lif għal perjodu twil.

In-numru ta' impjegati ma jinkludix ħaddiema volontarji.

In-numru ta' impjegati huwa kkalkolat fl-istess manjiera bħan-numru ta' persuni impjegati, jiġifieri bħala n-numru ta' impjegati u jitkejjel bħala medja annwali.

Kodiċi: 16 92 0

Isem: In-numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni tat-twelid ft

Anness: IX

Definizzjoni

In-numru ta' persuni impjegati huwa definit bħal fil-karatteristika 16 91 0. Il-popolazzjoni tat-twelid hija ddefinita bħal fil-karatteristika 11 92 0.

Kodiċi: 16 92 1

Isem: Numru ta' impjegati fil-popolazzjoni tat-twelid ft

Definizzjoni

In-numru ta' impjegati huwa definit bħal fil-karatteristika 16 91 1. Il-popolazzjoni tat-twelid hija ddefinita bħal fil-karatteristika 11 92 0.

Kodiċi: 16 93 0

Isem: Numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni tal-imwiet ft

Anness: IX

Definizzjoni

In-numru ta' persuni impjegati huwa definit bħal fil-karatteristika 16 91 0. Il-popolazzjoni tal-imwiet hija ddefinita bħal fil-karatteristika 11 93 0.

Kodiċi: 16 93 1

Isem: Numru ta' impjegati fil-popolazzjoni tal-imwiet ft

Anness: IX

Definizzjoni

In-numru ta' impjegati huwa definit bħal fil-karatteristika 16 91 1. Il-popolazzjoni tal-imwiet hija ddefinita bħal fil-karatteristika 11 93 0.

Kodiċi: 16 94 1

Isem: Numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-1 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 94 2

Isem: Numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-2 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 94 3

Isem: Numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-3 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 94 4

Isem: Numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-4 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 94 5

Isem: Numru ta' persuni impjegati fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-5 li baqgħu jeżistu wara t

Anness: IX

Definizzjoni

In-numru ta' persuni impjegati huwa definit bħal fil-karatteristika 16 91 0. Il-popolazzjoni tat-twelid hija ddefinita bħal fil-karatteristika 11 92 0. Is-sopravivenza hija ddefinita bħal fil-karatteristiċi 11 94 1 sa 11 94 5.

Kodiċi: 16 95 1

Isem: Numru ta' persuni impjegati fis-sena tat-twelid fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-1 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 95 2

Isem: Numru ta' persuni impjegati fis-sena tat-twelid fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-2 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 95 3

Isem: Numru ta' persuni impjegati fis-sena tat-twelid fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-3 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 95 4

Isem: Numru ta' persuni impjegati fis-sena tat-twelid fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-4 li baqgħu jeżistu wara t

Kodiċi: 16 95 5

Anness: IX

Isem: Numru ta' persuni impjegati fis-sena tat-twelid fil-popolazzjoni ta' impriżi li twieldu reċentement ft-5 li baqgħu jeżistu wara t

Definizzjoni

In-numru ta' persuni impjegati huwa definit bħal fil-karatteristika 16 91 0. Il-popolazzjoni tat-twelid hija ddefinita bħal fil-karatteristika 11 92 0. Is-sopravivenza hija ddefinita bħal fil-karatteristiċi 11 94 1 sa 11 94 5.

Kodiċi: 17 32 0

Isem: Numru ta' ħwienet għall-bejgħ bl-imnut

Anness: III

Definizzjoni

Dan huwa n-numru totali ta' ħwienet għall-bejgħ bl-imnut operat mill-impriża, kemm jekk bi proprjetà jew mikri. Ħwienet huma definiti bħala postijiet għall-bejgħ fiss fejn il-klijenti jidħlu biex jagħmlu x-xirjiet tagħhom. Ħwienet għall-bejgħ bl-imnut huma kklassifikati fi ħdan il-gruppi 47.1-47.7 tan-NACE Rev.2.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Numru ta' unitajiet lokali (11 21 0)

Kodiċi: 17 33 1

Isem: Spazju għall-bejgħ

Anness: III

Definizzjoni

L-ispazju għall-bejgħ huwa l-erja stmata tas-superfiċje ($f\text{m}^2$ ta' dik il-parti tal-bini tal-impriża ddedikata għall-bejgħ u l-wiri, jiġifieri:

- l-ispazju totali għal liema l-klijenti għandhom aċċess, inklużi l-kmamar fejn jiġu ppruvati l-ilbiesi;
- spazju tal-bankun u spazju tat-twieqi;
- l-ispazju ta' wara l-bankuni użat mill-assistenti tal-ħanut.

L-ispazju tal-bejgħ ma jinkludix uffiċċji, kmamar għall-ħażna u t-tħejija, workshops, turġien, kmamar tal-ilbies u kmamar tal-kumditajiet oħrajn.

Kodiċi: 18 10 0

Isem: Fatturat minn agrikoltura, forestrija, sajd u attivitajiet industrijali

Anness: III

Definizzjoni

Il-parti tal-fatturat idderivat minn attivitajiet ikklassifikati għat-Taqsimiet A sa F tan-NACE Rev.2.

Huwa eskluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn agrikoltura, forestrija, sajd u attivitajiet industrijali ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Kodiċi: 18 11 0

Isem: Fatturat mill-attività prinċipali fil-livell bi tliet ċifri tan-NACE Rev.2.

Anness: II u IV

Definizzjoni

Il-parti tal-fatturat idderivat mill-attività prinċipali tal-unità. L-attività prinċipali ta' unità hija determinata skont ir-regoli stipulati fir-Regolament tal-Kunsill Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika.

Huwa inkluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali. Huwa eskluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat mill-attività prinċipali fil-livell bi tliet ċifri tan-NACE Rev.2 ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Kodiċi: 18 12 0

Isem: Fatturat minn attivitajiet industrijali

Anness: II

Definizzjoni

Il-parti tal-fatturat idderivat minn attivitajiet ikklassifikati għat-Taqsimiet B sa F tan-NACE Rev.2.

Huwa inkluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali. Huwa eskluż il-fatturat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn attivitajiet industrijali ma jistax ikun iżolat mill-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Parti minn Fatturat minn agrikoltura, forestrija, sajd u attivitajiet industrijali (18 10 0)

Kodiċi: 18 12 1

Isem: Fatturat minn attivitajiet industrijali eskluża l-kostruzzjoni

Anness: IV

Definizzjoni

Il-parti tal-fatturat idderivat minn attivitajiet ikklassifikati għat-Taqsimiet B sa E tan-NACE Rev.2.

Huwa inkluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi li huma soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali. Huwa eskluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn attivitajiet industrijali eskluża l-kostruzzjoni ma jstax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Parti inn Fatturat minn agrikoltura, forestrija, sajd u attivitajiet industrijali (18 10 0)

Parti minn Fatturat minn attivitajiet industrijali (18 12 0)

Kodiċi: 18 12 2

Isem: Fatturat minn attivitajiet tal-kostruzzjoni

Anness: IV

Definizzjoni

Il-parti tal-fatturat idderivat minn attivitajiet ikklassifikati għat-Taqsima F tan-NACE Rev.2.

Huwa inkluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali. Huwa eskluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn attivitajiet tal-kostruzzjoni ma jstax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Parti minn Fatturat minn agrikoltura, forestrija, sajd u attivitajiet industrijali (18 10 0)

Parti minn Fatturat minn attivitajiet industrijali (18 12 0)

Kodiċi: 18 15 0

Isem: Fatturat minn attivitajiet ta' servizz

Anness: II sa IV

Definizzjoni

Dħul mis-servizzi kollha mogħtija (servizzi bankarji u tal-assigurazzjoni, servizzi tan-negozju u personali).

Dan il-varjabbli jgħbor fih il-fatturat minn attivitajiet ta' servizz li jirriżultaw minn attività prinċipali jew sekondarja; xi attivitajiet ta' servizz jistgħu jingħataw minn unitajiet industrijali. Dawn l-attivitajiet huma kklassifikati għat-Taqsimiet H sa N u P sa S u wkoll għall-Gruppi 45.2 u 45.4 tal-manteniment u t-tiswija tat-Taqsima G tan-NACE Rev.2.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn attivitajiet ta' servizz ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Kodiċi: 18 16 0

Isem: Il-fatturat minn attivitajiet kummerċjali ta' akkwist u bejgħ mill-ġdid u minn attivitajiet intermedjarji

Anness: II sa IV

Definizzjoni

Il-parti mill-fatturat idderivat mill-attivitajiet kummerċjali ta' akkwist u bejgħ mill-ġdid tal-unità u l-attività intermedjarja tal-unità. Dan jikkorrispondi għall-bejgħ ta' oġġetti mixtrija mill-unità fl-isimha stess u għall-kont tagħha stess u mibjugħa mill-ġdid fl-istess kundizzjoni li fiha kienu akkwistati, jew wara t-tikkettar, l-ippakkjar u t-tgeżwir li ġeneralment jiġi pprattikat f'impriżi kummerċjali tad-distribuzzjoni kif ukoll kwalunkwe kummissjonijiet fuq akkwisti u bejgħ mill-ġdid magħmula fl-Isem ta' u għal partijiet terzi, u attivitajiet simili.

Il-bejgħ mill-ġdid jista' jitqassam fi:

- bejgħ mill-ġdid lil negozjanti oħrajn, utenti professjonali, eċċ. (bejgħ bl-ingrossa);
- bejgħ mill-ġdid lil unitajiet domestiċi jew utenti fuq skala żgħira (bejgħ bl-imnut).

Dawn l-attivitajiet huma kklassifikati fit-Taqsima G tan-NACE Rev.2 (ħlief għall-Gruppi 45.2 u 45.4 tal-manteniment u t-tiswija).

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn attivitajiet kummerċjali u intermedjarji ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Kodiċi: 18 21 0

Isem: Tqassim tal-fatturat skont il-prodott (skont it-Taqsima G tas-CPA)

Anness: III

Definizzjoni

Il-parti mill-fatturat li għandha titqassam hija l-fatturat mill-attivitajiet kummerċjali ta' akkwist u bejgħ mill-ġdid tal-unità u l-attività intermedjarja tal-unità (kif definit għall-varjabbli 18 16 0).

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat imqassam skont il-prodott ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Is-somma tal-fatturat għall-prodotti kollha trid tkun ugwali għal Fatturat minn attivitajiet kummerċjali u intermedjarji (18 16 0)

Kodiċi: 18 31 0

Isem: Fatturat minn bini

Anness: IV

Definizzjoni

Il-parti mill-fatturat idderivat minn attivitajiet ikklassifikati għat-Taqsima F tan-NACE Rev.2 u relatati mal-kostruzzjonijiet ikklassifikati bħala bini fil-klassifikazzjoni ta' tipi ta' kostruzzjonijiet (CC).

Huwa inkluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali. Huwa eskluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi akkwistati għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn bini ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Parti minn Fatturat minn agrikoltura, forestrija, sajd u attivitajiet industrijali (18 10 0)

Parti minn Fatturat minn attivitajiet industrijali (18 12 0)

Parti minn Fatturat attivitajiet tal-kostruzzjoni (18 12 2)

Kodiċi: 18 32 0

Isem: Fatturat minn inġinerija ċivili

Anness: IV

Definizzjoni

Il-parti mill-fatturat idderivat minn attivitajiet ikklassifikati għat-Taqsima F tan-NACE Rev.2 u għandha x'taqsam mal-kostruzzjonijiet ikklassifikati bħal xogħlijiet tal-inġinerija ċivili fil-klassifikazzjoni ta' tipi ta' kostruzzjoni (CC).

Huwa inkluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi li kienu soġġetti għal relazzjoni sottokuntrattwali. Huwa eskluż il-fatturat idderivat mill-bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Il-fatturat minn inġinerija ċivili ma jistax ikun iżolat fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn fatturat nett.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti minn dħul.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Fatturat (12 11 0)

Parti minn Fatturat minn agrikoltura, forestrija, sajd u attivitajiet industrijali (18 10 0)

Parti minn Fatturat minn attivitajiet industrijali (18 12 0)

Parti minn Fatturat minn attivitajiet tal-kostruzzjoni (18 12 2)

Kodiċi: 20 11 0

Isem: Akkwisti ta' prodotti tal-enerġija (f'valur)

Anness: II u IV

Definizzjoni

L-akkwisti tal-prodotti tal-enerġija kollha matul il-perjodu ta' referenza għandhom jiġu inklużi f'dan il-varjabbli safejn dawn huma mixtrija biex jintużaw bħala fjuwil. Il-prodotti tal-enerġija mixtrija bħala materja prima jew għall-bejgħ mill-ġdid mingħajr ipproċessar għandhom ikunu esklużi. Iċ-ċifra għandha tingħata f'valur biss.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

L-akkwisti ta' prodotti tal-enerġija ma jistgħux ikunu iżolati fil-kontijiet tal-kumpanija.

Ir-4 Direttiva tal-Kontabilità: id-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE

Huwa parti minn Materja prima u oġġetti tal-konsum.

Ir-Regolamenti tal-IAS: ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003

Huwa parti mill-Materja prima u oġġetti tal-konsum użati fin-natura tal-metodu ta' spiża.

Huwa parti minn spiża tal-bejgħ, spejjeż tad-distribuzzjoni u spejjeż amministrattivi fil-funzjoni tal-metodu ta' spiża.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Parti minn Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0)

Kodiċi: 21 11 0

Isem: Investiment f'taġġmir u impjant għall-kontroll tat-tniġġis u aċċessorji speċjali kontra t-tniġġis (prinċipalment taġġmir "fit-tmiem tal-katina")

Anness: II

Definizzjoni

L-infiq kapitali għal metodi, teknoloġiji, proċessi jew taġġmir imfassal biex jiġbor u jneħħi t-tniġġis u s-sustanzi li jniġġsu (pereżempju emissjonijiet fl-arja, ħmieġ jew skart solidu) wara l-ħolqien tagħhom, jipprevjeni t-tixrid ta' u jkejjel il-livell tat-tniġġis, u jittratta u jarmi s-sustanzi li jniġġsu ġġenerati mill-attività tal-operat tal-kumpanija.

Huwa s-somma tan-nefqa fl-oqsma ambjentali Ħarsien tal-arja u l-klima ta' madwarna, Ġestjoni tad-drenaġġ, Ġestjoni tal-iskart u Attivitàjiet oħra għall-ħarsien tal-ambjent. Attivitàjiet oħra għall-ħarsien tal-ambjent jinkludi Ħarsien u riabilitazzjoni tal-ħamrija, l-ilma ta' taħt l-art u l-ilma tal-wiċċ, Tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjoni, Ħarsien tal-bijodiversità u l-pajżaġġ, Protezzjoni mir-radjazzjoni, Riċerka u żvilupp, Amministrazzjoni u ġestjoni ambjentali ġenerali, Edukazzjoni, taħriġ u informazzjoni, Attivitàjiet li jwasslu għal nefqa indiviżibbli u Attivitàjiet li mhumiex ikklassifikati xi mkien ieħor.

Hemm inklużi:

- Investimenti f'komponenti distinti u identifikabbli li jissupplimentaw taġġmir eżistenti, li huma implimentati fit-tmiem ta' jew kompletament barra mil-linja tal-produzzjoni (taġġmir "fit-tmiem tal-katina").
- Investimenti f'taġġmir (pereżempju filtri jew stadji separati tat-tindif) li jagħmlu jew joħorġu pollutanti fi ħdan il-linja tal-produzzjoni, meta t-tneħħija ta' dawn il-faċilitajiet miżjuda mhux ser taffettwa bi prinċipju l-funzjonament tal-linja tal-produzzjoni.

L-iskop ewlieni jew il-funzjoni ta' din in-nefqa kapitali huwa l-ħarsien ambjentali u n-nefqa totali għal dawn għandha tkun irreġistrata.

In-nefqa għandha tkun irreġistrata gross minn kwalunkwe kumpens ta' spiża li jirriżulta mill-ġenerazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti sekondarji kummerċjabbli, tfaddil, jew sussidji riċevuti.

Oġġetti akkwistati huma vvalutati bil-prezz tal-akkwist eskluża l-VAT deduċibbli u taxxi deduċibbli oħrajn direttament marbuta mal-fatturat.

Hemm esklużi:

- Azzjonijiet u attivitajiet li huma ta' benefiċċju għall-ambjent li kienu ser jittieħdu mingħajr ma jitqiesu l-kunsidrazzjonijiet għall-ħarsien tal-ambjent, inklużi miżuri li huma immirati primarjament għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u s-sigurtà tal-produzzjoni.
- Miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis fejn il-prodotti huma użati jew imwarrbin (adattament ambjentali ta' prodotti), ħlief jekk il-politika u r-regolament ambjentali tespandi r-responsabbiltà legali tal-produttur biex ikopri wkoll it-tniġġis iġġenerat mill-prodotti meta użati, jew biex jieħu ħsieb il-prodotti meta dawn isiru skart.
- Użu ta' riżorsi u attivitajiet ta' tiffdil (pereżempju provvista tal-ilma jew l-iffrankar ta' enerġija jew materja prima), ħlief jekk l-iskop primarju huwa l-ħarsien tal-ambjent: pereżempju meta dawn l-attivitajiet jimmiraw biex jimplementaw politika ambjentali nazzjonali jew internazzjonali u mhumiex meħuda għal raġunijiet biex jiġu ffrankati l-ispejjeż.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Id-definizzjoni hija bbażata fuq l-istandards tal-kontabilità applikati mill-kumpanija fil-kontijiet tagħha, f'konformità mal-istandards tal-kontabilità tal-UE: jiġifieri dan huwa nfiq li jikkwalifika għal għarfien bħala assi.

Proprietà, impjanti u tagħmir jistgħu jiġu akkwistati għal raġunijiet ta' sigurtà jew ambjent. L-akkwist ta' proprietà, impjanti u tagħmir bħal dawn, filwaqt li ma jżidx direttament il-benefiċċji ekonomiċi futuri ta' kwalunkwe oġġett partikolari ta' proprietà, impjant u tagħmir, jista' jkun meħtieġ sabiex l-impriża tikseb il-benefiċċji ekonomiċi futuri mill-assi l-oħrajn tagħha. Meta dan huwa l-każ, akkwisti bħal dawn ta' proprietà, impjant u tagħmir jikkwalifikaw għal rikonoxximent bħala assi, billi jippermettu benefiċċji ekonomiċi futuri mill-assi relatati biex ikunu derivati mill-impriża b'bilanċ favorevoli ta' dawk li tista' tidderiva li kieku ma kinux akkwistati. Madankollu, assi bħal dawn huma rikonoxxuti biss safejn l-ammont trasferibbli li jirriżulta ta' assi bħal dawn u assi relatati ma jaqbiżx l-ammont totali rekuperabbli ta' dak l-assi u l-assi relatati tiegħu. Pereżempju, fabbrikant tal-kimika jista' jkollu jinstalla ċertu proċess ġdid għall-immaniġġjar tal-kimika sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti ambjentali fuq il-produzzjoni u l-ħażna ta' kimiċi perikolużi; titjib relatat tal-impjant huwa rikonoxxut bħala assi safejn dan huwa rekuperabbli għalix, mingħajrhom, l-impriża ma tkunx tista' timmanifattura u tbigħ il-kimiċi.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

L-investimenti totali għall-ħarsien tal-ambjent huwa s-somma totali tal-varjabbli 21 11 0 u 21 12 0. Il-nefqa totali għall-ħarsien tal-ambjent huwa s-somma totali tal-varjabbli 21 11 0, 21 12 0 u 21 14 0.

Parti minn:

15 11 0 Investiment gross f'oġġetti tanġibbli

Kodiċi: 21 12 0

Isem: Investiment f'taġħmir u impjant marbutin ma' teknoloġiji aktar nodfa ("teknoloġija integrata")

Anness: II

Definizzjoni

Infiq kapitali għal metodi, teknoloġiji, proċessi, taġħmir (jew partijiet minnhom) ġodda jew l-adattament ta' dawk eżistenti mfasslin biex jipprevjenu jew inaqqsu l-ammont ta' tniġġis maħluq f'ras il-ġhajj (pereżempju emissjonijiet fl-arja, ħmieġ jew skart solidu), biex b'hekk jitnaqqsu l-impatti ambjentali assoċjati mat-tixrid ta' pollutanti u/jew ma' attivitajiet li jniġġsu.

Huwa s-somma tan-nefqa fl-oqsma ambjentali Ħarsien tal-arja u l-klima ta' madwarna, Ġestjoni tad-drenaġġ, Ġestjoni tal-iskart u Attivitajiet oħra għall-ħarsien tal-ambjent. Attivitajiet oħra għall-ħarsien tal-ambjent jinkludu Ħarsien u riabilitazzjoni tal-ħamrija, l-ilma ta' taħt l-art u l-ilma tal-wiċċ, Tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjoni, Ħarsien tal-bijodiversità u l-pajżaġġ, Protezzjoni mir-radjazzjoni, Riċerka u żvilupp, Amministrazzjoni u ġestjoni ambjentali ġenerali, Edukazzjoni, taħriġ u informazzjoni, Attivitajiet li jwasslu għal nefqa indiviżibbli u Attivitajiet li mhumiex ikklassifikati xi mkien ieħor.

Hemm inklużi:

- Infiq kapitali li jinvolvi metodi, proċessi, teknoloġiji u taġmhir distinti u identifikabbli separatament (il-partijiet ambjentali taġmhir). L-iskop jew il-funzjoni prinċipali taġmhir huwa l-ħarsien ambjentali b'definizzjoni u għandha tkun irreġistrata n-nefqa totali tal-metodi, il-proċessi, it-teknoloġiji u t-taġmhir (il-partijiet ambjentali taġmhir).
- Infiq kapitali għal metodi, proċessi, teknoloġiji u taġmhir li huma integrati mal-attività operattiva globali (proċess tal-produzzjoni/installazzjoni) fmod li jkun diffiċli li jiġi identifikat separatament il-komponent għall-prevenzjoni tat-tniġġis. F'dawn il-każijiet ("miżuri integrati"), għandha tiġi rreġistrata biss il-frazzjoni tal-ħarsien tal-ambjent tal-investment totali .

Din il-frazzjoni tikkorrispondi għall-investment addizzjonali fir-rigward tan-nefqa kapitali li kieku kienet issir li kieku ma kienx hemm dawn il-kunsidrazzjonijiet għall-ħarsien tal-ambjent. Għalhekk, l-alternattiva għal tqabbil tikkorrispondi għall-irħas alternattiva disponibbli għall-kumpanija b'funzjonijiet u karatteristiċi simili, ħlief għal daww relatati mal-ħarsien tal-ambjent.

Meta l-għażla magħżula hija teknoloġija standard u ma hemmx disponibbli għall-kumpanija ebda alternattiva irħas, b'inqas benefiċċju ambjentali, il-miżura mhijiex b'definizzjoni attività għall-ħarsien tal-ambjent, u ebda nefqa ma għandha tiġi rreġistrata.

In-nefqa għandha tiġi rreġistrata gross minn kwalunkwe kumpens ta' spiża li jirriżulta mill-ġenerazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti sekondarji kummerċjabbli, tfaddil, jew sussidji riċevuti.

Oġġetti akkwistati huma vvalutati bil-prezz tal-akkwist eskluża l-VAT deduciibbli u taxxi deduciibbli oħrajn direttament marbuta mal-fatturat.

Huma esklużi:

- Azzjonijiet u attivitajiet li huma ta' benefiċċju għall-ambjent li jkunu ser jittieħdu mingħajr ma jitqiesu kunsidrazzjonijiet għall-ħarsien tal-ambjent, inklużi miżuri li primarjament huma mmirati għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u s-sigurtà tal-produzzjoni.
- Miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis meta l-prodotti huma użati jew imwarrbin (adattament ambjentali ta' prodotti), sakemm il-politika u r-regolament ambjentali ma tespandix ir-responsabbiltà legali tal-produttur biex ikopri wkoll it-tniġġis iġġenerat mill-prodotti meta użati, jew biex jieħu ħsieb il-prodotti meta dawn isiru skart.
- Użu ta' riżorsi u attivitajiet ta' tiffdil (pereżempju provvista tal-ilma jew l-iffrankar ta' enerġija jew materja prima), safejn l-iskop primarju huwa l-ħarsien tal-ambjent: pereżempju meta dawn l-attivitajiet jimmiraw biex jimplimentaw politika ambjentali nazzjonali jew internazzjonali u ma jsirux biex jiġu ffrankati l-ispejjeż.

Rabta ma' kontijiet tal-kumpanija

Id-definizzjoni hija bbażata fuq l-istandards tal-kontabilità applikati mill-kumpanija fil-kontijiet taġmhir, f'konformità mal-istandards tal-kontabilità tal-UE: jiġifieri dan huwa nfiq li jikkwalifika għal għarfien bħala assi.

Proprietà, impjanti u tagħmir jistgħu jiġu akkwistati għal raġunijiet ta' sigurtà jew ambjent. L-akkwist ta' proprietà, impjanti u tagħmir bħal dawn, filwaqt li ma jżidx direttament il-benefiċċji ekonomiċi futuri ta' kwalunkwe oġġett partikolari ta' proprietà, impjant u tagħmir, jista' jkun meħtieġ sabiex l-impriża tikseb il-benefiċċji ekonomiċi futuri mill-assi l-oħrajn tagħha. Meta dan huwa l-każ, akkwisti bħal dawn ta' proprietà, impjant u tagħmir jikkwalifikaw għal għarfien bħala assi, billi jippermettu benefiċċji ekonomiċi futuri mill-assi relatati biex ikunu derivati mill-impriża b'bilanċ favorevoli ta' dawk li tista' tidderiva li kieku ma kinux akkwistati. Madankollu, assi bħal dawn huma rikonossuti biss safejn l-ammont trasferibbli li jirriżulta ta' assi bħal dawn u assi relatati ma jaqbiżx l-ammont totali rekuperabbli ta' dak l-assi u l-assi relatati tiegħu. Pereżempju, fabbrikant tal-kimika jista' jkollu jinstalla ċertu proċess ġdid għall-immaniġġjar tal-kimika sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti ambjentali fuq il-produzzjoni u l-ħażna ta' kimiċi perikolużi; titjib relatat tal-impjant huwa rikonossut bħala assi safejn dan huwa rekuperabbli għaliex, mingħajrom, l-impriża ma tkunx tista' timmanifattura u tbigħ il-kimiċi.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Investimenti totali għall-ħarsien tal-ambjent huwa s-somma tal-varjabbli 21 11 0 u 21 12 0. In-nefqa totali għall-ħarsien tal-ambjent huwa s-somma tal-varjabbli 21 11 0, 21 12 0 u 21 14 0.

Parti minn:

15 11 0 Investiment gross f'oġġetti tanġibbli

Kodiċi: 21 14 0

Isem: Nefqa totali kurrenti għall-ħarsien tal-ambjent

Anness: II

Definizzjoni

Isem: Qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli hija ddefinita fl-Artikoli 22 u s-segwitu tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażat fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji. L-IAS/IFRS ma jippermettux li jiġu ppreżentati r-riżultati straordinarji separatament fil-kontijiet tal-impriżi. Għall-pajjiżi fejn jiġi applikat l-IAS/IFRS għall-kontijiet individwali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, din il-varjabbli m'għandhiex tiġi trazzmessa.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(15) u (16) u 28(A)(9), (A)(10) u (B)(8) tad-Direttiva 86/635/KEE. Din l-entrata mhijiex imsemmija separatament fir-rekwiżiti tal-iżvelar fl-IFRS 7 inklużi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Kodiċi: 42 50 0

Isem: Qligħ jew telf straordinarju

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli hija ddefinita fl-Artikoli 22 u s-segwitu tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażat fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji. L-IAS/IFRS ma jippermettux li jiġu ppreżentati separatament ir-riżultati straordinarji fuq il-kontijiet ta' impriżi. Għall-pajjiżi fejn l-IAS/IFRS huwa applikat għall-kontijiet individwali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, din il-varjabbli m'għandhiex tkompli tiġi trazzmessa.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(19) u 28(A)(13) u (B)(10) tad-Direttiva 86/635/KEE. Din l-entrata mhijiex imsemmija separatament fir-rekwiżiti tal-iżvelar fl-IFRS 7 inklużi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Kodiċi: 42 51 0

Isem: It-taxxi kollha (taxxa fuq Qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji, taxxa fuq qligħ jew telf straordinarju, taxxi oħrajn)

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli hija ddefinita fl-Artikoli 22 u s-segwitu tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażat fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(15), (20) u (22) u 28(A)(9), (A)(12) u (A)(14) tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 81 (e) tal-IAS 1 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003.

Kodiċi: 42 60 0

Isem: Qligħ jew telf għas-sena finanzjarja

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli hija ddefinita fl-Artikoli 22 u s-segwitu tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażat fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(23) u 28(A)(15) u (B)(11) tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 81 (f) tal-IAS 1 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003.

Kodiċi: 43 11 0

Isem: Self u ħlasijiet bil-quddiem lil klijenti

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli għandha tinkludi t-tipi kollha ta' assi fil-forma ta' klejms għal klijenti domestiċi u barranin għajr għal istituzzjonijiet ta' kreditu, indipendentement mid-deskrizzjonijiet attwali tagħhom.

L-unika eċċezzjoni għandha tkun self u ħlasijiet bil-quddiem irrappreżentati minn titoli ta' dejn jew kwalunkwe titolu ieħor.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikolu 4(4) (assi) u l-Artikolu 16 (Assi Entrata 4) tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 8 tal-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Kodiċi: 43 21 0

Isem: Ammonti dovuti lil klijenti

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli għandha tinkludi l-ammonti kollha dovuti lil kredituri li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu, indipendentement mid-deskrizzjonijiet attwali tagħhom.

L-unika eċċezzjoni għandha tkun il-passivi rrappreżentati minn titoli ta' dejn jew bi kwalunkwe titolu ieħor.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikolu 4(2)(a) u (2)(b) bħala total (passivi), u l-Artikolu 19 (Passivi: Entrata 2), tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 8 tal-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Kodiċi: 43 29 0

Isem: Total ta' kapital u riżervi

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi Kapital u riżervi sottoskritt. Il-kapital sottoskritt jinkludi l-ammonti kollha, indipendentement mid-deskrizzjonijiet attwali tagħhom, li, skont l-istruttura legali tal-istituzzjoni kkonċernata, huma meqjusa taħt il-liġi nazzjonali bħala kapital tal-ekwità sottoskritt mill-azzjonisti jew proprjetarji oħrajn. Ir-riżervi jinkludu t-tipi kollha ta' riżervi elenkati fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 78/660/KEE taħt Passivi entrata A.IV, kif definiti fiha. L-Istati Membri jistgħu jippreskrivu wkoll tipi oħrajn ta' riżervi jekk meħtieġ għal istituzzjonijiet ta' kreditu li l-istrutturi legali tagħhom mhumiex koperti mid-Direttiva 78/660/KEE.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikolu 4(7)(9)(10)(11)(12)(13)(14) (Passivi) u (16) (Assi) bħala total, tad-Direttiva 86/635/KEE. Din l-entrata mhijiex imsemmija separatament fir-reqwiżiti tal-iżvelar fl-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006

Kodiċi: 43 30 0

Isem: Total tal-karta tal-bilanċ

Anness: VI

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tikkonsisti fis-somma tal-entrati 1 sa 15 tan-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ jew is-somma tal-entrati 1 sa 14 tan-naħa tal-passivi tal-karta tal-bilanċ kif inklużi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 86/635. B'mod ġenerali, it-total tal-karta tal-bilanċ għandu jkun ugwali għas-somma tal-entrati kollha tan-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ jew is-somma tal-entrati kollha tan-naħa tal-passivi tal-karta tal-bilanċ.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 86/635/KEE. Din l-entrata mhijiex imsemmija separatament fir-reqwiżiti tal-iżvelar fl-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006

Kodiċi: 43 31 0

Isem: Total tal-karta tal-bilanċ imqassam skont ir-residenza tal-impriża ewlenija

Anness: VI

Definizzjoni:

It-total tal-karta tal-bilanċ (ara l-varjabbli 43 30 0) jitqassam skont ir-residenza tal-impriża ewlenija.

Bi qbil mat-tqassim tal-varjabbli 11 11 4, it-total tal-karta tal-bilanċ irid jinqasam f'parti li hija relatata ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'kontroll domestiku u parti li hija relatata ma' impriżi b'kontroll barrani. L-impriża ewlenija hija rreġistrata bi qbil mal-unità istituzzjonali bil-kontroll aħħari kif definita fir-Regolament Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rabta ma' varjabbli oħrajn:

It-total tal-karta tal-bilanċ imqassam skont ir-residenza tal-impriża ewlenija huwa tqassim ulterjuri tat-total tal-karta tal-bilanċ (43 30 0).

Kodiċi: 43 32 0

Isem: Total tal-karta tal-bilanċ imqassam skont l-istatus legali

Anness: VI

Definizzjoni:

It-total tal-karta tal-bilanċ (ara l-varjabbli 43 30 0) jitqassam skont l-istatus legali hekk kif ġej: Impriżi inkorporati limitati b'ishma, Impriżi kooperattivi, Impriżi tal-liġi pubblika, Fergħat ta' impriżi b'uffiċċju ewleni f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE, Oħrajn.

Rabta ma' varjabbli oħrajn:

It-Total tal-karta tal-bilanċ imqassam skont l-istatus legali huwa tqassim ulterjuri tat-total tal-karta tal-bilanċ (43 30 0).

Kodiċi: 44 11 0

Isem: Imgħax riċevibbli u dħul simili mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA

Anness: VI

Definizzjoni:

Imgħax riċevibbli u dħul simili huma definiti bħala:

- (1) id-dħul kollu minn titoli bi dħul fiss, għalkemm ikkalkolat. Dħul bħal dan jinkludi wkoll id-dħul li jirriżulta mit-tqassim fuq bażi ta' żmien tal-iskont fuq assi akkwistati b'ammont taħt, u passivi mogħtija b'kuntratt b'ammont 'il fuq minn, is-somma pagabbli meta tintlaħaq il-maturità;

(2) dħul u ħlasijiet li jirriżultaw minn derivattivi, mifruxa fuq it-tul attwali tal-kuntratt u simili innatura għal imgħax;

. It-tqassim skont il-prodott huwa bbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' prodotti skont l-attivitajiet għal servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja u servizzi awżiljari għall-intermedjazzjoni finanzjarja. Il-varjabbli trid titqassam skont (sotto) kategoriji tas-CPA fil-livell xieraq.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(1) u 28(B)(1) tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 20 tal-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Rabta ma' varjabbli oħrajn:

L-imgħax riċevibbli u dħul simili mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA huwa tqassim ulterjuri ta' Imgħax riċevibbli u dħul simili (42 11 0).

Kodiċi: 44 12 0

Isem: Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA

Anness: VI

Definizzjoni:

Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili huma definiti bħala:

(1) il-ħlasijiet kollha li jirriżultaw minn ammonti dovuti lil istituzzjonijiet ta' kreditu, ammonti dovuti lil klijenti, Djun murija b'ċertifikati u Passivi subordinati, għalkemm ikkalkolati. Ħlasijiet bħal dawn jinkludu wkoll ħlasijiet li jirriżultaw mit-tqassim fuq bażi ta' żmien tal-primjum fuq assi akkwistati b'ammont 'il fuq minn, u passivi mogħtija b'kuntratt b'ammont taħt, is-somma pagabbli meta tintlaħaq il-maturità;

(2) dħul u ħlasijiet li jirriżultaw minn derivattivi, mifruxa fuq it-tul attwali tal-kuntratti u simili innatura għal imgħax;

It-tqassim skont il-prodotti huwa bbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' prodotti skont attivitajiet għal servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja u servizzi awżiljari għall-intermedjazzjoni finanzjarja. Il-varjabbli trid titqassam skont (sotto)kategoriji tas-CPA fil-livell xieraq.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(2) u 28(A)(1) tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 20 tal-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Rabta ma' varjabbli oħrajn:

"Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili" mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA huwa tqassim ulterjuri ta' "Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili" (42 12 0).

Kodiċi: 44 13 0

Isem: Kummissjonijiet riċevibbli mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA

Anness: VI

Definizzjoni:

Il-kummissjonijiet riċevibbli jinkludu dħul fir-rigward tas-servizzi kollha pprovduti lil partijiet terzi. It-tqassim skont il-prodotti huwa bbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' prodotti skont attivitajiet għal servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja u servizzi awżiljari għall-intermedjazzjoni finanzjarja. Il-varjabbli trid titqassam skont (sotto)kategoriji tas-CPA fil-livell xieraq.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(4) u 28(B)(3) tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 20 tal-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Rabta ma' varjabbli oħrajn:

Il-kummissjonijiet riċevibbli mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA huma tqassim ulterjuri ta' Kummissjonijiet riċevibbli (42 14 0).

Kodiċi: 44 14 0

Isem: Kummissjonijiet pagabbli mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA

Anness: VI

Definizzjoni:

Il-kummissjonijiet pagabbli huma definiti fl-Artikolu 31 tad-Direttiva 86/635/KEE. It-tqassim skont il-prodotti huwa bbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' prodotti skont attivitajiet għal servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja u servizzi awżiljari għall-intermedjazzjoni finanzjarja. Il-varjabbli trid titqassam skont (sotto)kategoriji tas-CPA fil-livell xieraq.

Nota: Għandha ssir referenza għall-Artikoli 27(5), u 28(A)(2) tad-Direttiva 86/635/KEE. Għandha ssir referenza għall-paragrafu 20 tal-IFRS 7 kif inkluż fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2006.

Rabta ma' varjabbli oħrajn:

Il-kummissjonijiet pagabbli mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA huma tqassim ulterjuri ta' Kummissjonijiet pagabbli (42 15 0).

Kodiċi: 45 11 0

Isem: Tqassim ġeografiku tan-numru totali ta' ferġat taż-ŻEE

Anness: VI

Definizzjoni:

"Ferġha" hija ddefinita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/646/KEE tal-15 ta' Diċembru 1989 u hija mogħtija fid-dettall fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-forniment liberu ta' servizzi u dwar l-interess għall-ġid ġenerali fit-Tieni Direttiva Bankarja (95/C 291/06).

Nota: Mill-perspettiva tal-Istat Membru ospitanti, in-numru totali ta' ferġat taż-ŻEE jrid jitqassam skont kull pajjiż waħdieni ieħor taż-ŻEE.

Kodiċi: 45 21 0

Isem: Tqassim ġeografiku ta' imġax riċevibbli u dħul simili

Anness: VI

Definizzjoni:

Imġax riċevibbli u dħul ieħor (ara l-varjabbli 42 11 0) miktuba fil-pajjiż ospitanti skont il-ferġat b'uffiċċju ewlieni f'kull pajjiż waħdieni ieħor taż-ŻEE.

Kodiċi: 45 22 0

Isem: Tqassim ġeografiku tat-total tal-karta tal-bilanċ

Anness: VI

Definizzjoni:

Total tal-karta tal-bilanċ (ara l-varjabbli 43 30 0) ta' ferġat stabbiliti fil-pajjiż ospitanti b'uffiċċju ewlieni f'kull pajjiż waħdieni ieħor taż-ŻEE.

Kodiċi: 45 31 0

Isem: Tqassim ġeografiku ta' imġax riċevibbli u dħul ieħor permezz tan-negozju Forniment Liberu ta' Servizzi (f'pajjiżi oħrajn taż-ŻEE)

Anness: VI

Definizzjoni:

Imġax riċevibbli u dħul ieħor (ara l-varjabbli 42 11 0) miktuba, taħt id-dritt tal-forniment liberu ta' servizzi, skont istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istat Membru tal-post, f'kull pajjiż waħdieni ieħor taż-ŻEE.

Kodiċi: 45 41 0

Isem: Tqassim ġeografiku ta' mġax riċevibbli u dħul ieħor permezz ta' negozju tal-ferġat (f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE)

Anness: VI

Definizzjoni:

Imgħax riċevibbli u dħul ieħor (ara l-varjabbli 42 11 0) miktuba skont il-fergħa ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, awtorizzati fl-Istat Membru tal-post, f'pajjiżi mhux taż-ŻEE.

Għandu jintuża t-tqassim li ġej: l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, il-Ġappun, pajjiżi terzi (il-kumplament tad-dinja).

Kodiċi: 45 42 0

Isem: Tqassim ġeografiku ta' imgħax riċevibbli u dħul ieħor permezz tan-negozju Forniment liberu ta' servizzi (f'pajjiżi mhux fiż-ŻEE)

Anness: VI

Definizzjoni:

Imgħax riċevibbli u dħul ieħor (ara l-varjabbli 42 11 0) miktuba, taħt id-dritt tal-forniment liberu ta' servizzi, skont istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istat Membru tal-post, fil-pajjiżi mhux fiż-ŻEE.

Għandu jintuża t-tqassim li ġej: l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, il-Ġappun, pajjiżi terzi (il-kumplament tad-dinja).

Kodiċi: 47 11 0

Isem: Numru ta' kontijiet imqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA

Anness: VI

Definizzjoni:

Jiġi inkluż hawn in-numru ta' kontijiet miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tmiem is-sena tal-kontabilità. It-tqassim skont il-prodotti huwa bbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' prodotti skont attivitajiet għal servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja u servizzi awżiljari għall-intermedjazzjoni finanzjarja. In-numru ta' kontijiet huwa marbut ma' (sotto)kategoriji tas-CPA fil-livell xieraq.

Kodiċi: 47 12 0

Isem: Numru ta' self u ħlasijiet bil-quddiem lil klijenti mqassmin skont (sotto)kategoriji tas-CPA

Anness: VI

Definizzjoni:

Jiġi inkluż hawn in-numru ta' self u ħlasijiet bil-quddiem lil klijenti fit-tmiem tas-sena tal-kontabilità. It-tqassim skont il-prodotti huwa bbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' prodotti skont attivitajiet għal servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja u servizzi awżiljari għall-intermedjazzjoni finanzjarja. In-numru ta' self u ħlasijiet bil-quddiem lil klijenti huwa marbut ma' (sotto)kategoriji tas-CPA fil-livell xieraq.

Kodiċi: 47 13 0

Isem: Numru ta' automatic teller machines (ATM) proprjetà ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

Anness: VI

Definizzjoni:

It-terminu 'automatic teller machines' (ATM) jinkludi għamliet differenti ta' magni li jipprovdu servizzi bankarji awtomatiċi, pereżempju magni biex jinħarġu depożiti (dispensers tal-flus), biex isiru pagamenti u tiftix dwar tranżazzjonijiet, biex jiskambjaw il-flus, biex itellgħu kards b'użijiet multipli, eċċ.

Kodiċi: 48 00 1

Isem: Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet riċevibbli minn membri

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet kollha riċevibbli minn membri, dovuti matul is-sena finanzjarja, fir-rigward ta' kuntratti ta' pensjonijiet, inklużi l-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha, kontribuzzjonijiet regolari oħrajn u kontribuzzjonijiet addizzjonali volontarji.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet riċevibbli minn membri (48 00 1) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 00 2

Isem: Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet riċevibbli minn dawk li jħaddmu

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet kollha riċevibbli minn dawk li jħaddmu, dovuti matul is-sena finanzjarja, fir-rigward ta' kuntratti ta' pensjonijiet, inklużi l-kontribuzzjonijiet obligatorji kollha, kontribuzzjonijiet regolari oħrajn u kontribuzzjonijiet addizzjonali volontarji.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet riċevibbli minn dawk li jħaddmu (48 00 2) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 00 3

Isem: Trasferimenti deħlin

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-trasferimenti deħlin kollha. Dawk it-trasferimenti ġeneralment ikunu riċevuti minn fondi tal-pensjonijiet oħrajn jew kumpaniji tal-assigurazzjoni. Meta impjegat jibdel is-sid tax-xogħol, huwa ta' sikwit ikollu l-għażla li jittrasferixxi l-ammonti tad-drittijiet tal-pensjoni kkostitwiti fil-fond tal-pensjoni jew l-iskema tal-assigurazzjoni tas-sid tax-xogħol preċedenti għall-fond tal-pensjoni tas-sid tax-xogħol il-ġdid.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Trasferimenti deħlin (48 00 3) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 00 4

Isem: Kontribuzzjonijiet oħrajn tal-pensjonijiet

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet l-oħrajn kollha tal-pensjonijiet, dovuti matul is-sena finanzjarja, fir-rigward ta' kuntratti tal-pensjoni (pereżempju kontribuzzjonijiet minn gvernijiet ċentrali u lokali, minn individwi u assoċjazzjonijiet).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Kontribuzzjonijiet oħrajn tal-pensjonijiet (48 00 4) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 00 5

Isem: Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet fi skemi definiti ta' benefiċċji

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha tal-pensjonijiet riċevibbli minn skemi definiti ta' benefiċċji, dovuti matul is-sena finanzjarja, fir-rigward ta' kuntratti ta' pensjonijiet, inklużi l-kontribuzzjonijiet regolari, volontarji u l-oħrajn kollha.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet fi skemi definiti ta' benefiċċji (48 00 5) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 00 6

Isem: Kontribuzzjonijiet ta' pensjonijiet fi skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha tal-pensjonijiet riċevibbli minn skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet, dovuti matul is-sena finanzjarja, fir-rigward ta' kuntratti tal-pensjonijiet, inklużi l-kontribuzzjonijiet regolari, volontarji u l-oħrajn kollha.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet fi skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet (48 00 6) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 00 7

Isem: Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet fi skemi ibdridi

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet riċevibbli minn skemi ibridi, dovuti matul is-sena finanzjarja, fir-rigward ta' kuntratti tal-pensjonijiet, inklużi kontribuzzjonijiet regolari, volontarji u l-oħrajn kollha.

Nota: Skemi ibridi huma skemi b'elementi ta' skemi definiti ta' benefiċċji u skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet fi skemi ibridi (48 00 7) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 01 0

Isem: Dħul minn investimenti (PF)

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi dħul minn investimenti, aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fuq investimenti u dħul minn qligħ u telf kapitali realizzati u mhux realizzati. Tinkludi kera riċevibbli, dħul minn imġaxijiet, dividendi u qligħ u telf kapitali realizzati u mhux realizzati.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Dħul minn investimenti (PF) (48 01 0) tinkludi l-varjabbli Qligħ u telf kapitali (48 01 1).

Kodiċi: 48 01 1

Isem: Qligħ u telf kapitali

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi dħul minn qligħ u telf kapitali realizzati u mhux realizzati imwassal permezz tal-kont tal-qligħ u t-telf. Qligħ u telf kapitali jirriżultaw mill-varjazzjoni bejn il-valutazzjoni tal-investimenti fil-bidu tal-perjodu tal-kontabilità (jew mal-akkwist, jekk aktar tard), u l-valutazzjoni tagħhom fit-tmiem tal-perjodi tal-kontabilità (jew mal-bejgħ, jekk aktar kmieni).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Qligħ u telf kapitali (48 01 1) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Dħul minn investimenti (PF) (48 01 0).

Kodiċi: 48 02 1

Isem: Klejms tal-assigurazzjoni riċevibbli

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi klejms riċevibbli minn impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatati ma' riskji ttrasferiti.

Kodiċi: 48 02 2

Isem: Dħul ieħor (PF)

Anness: VII

Definizzjoni:

Dħul ieħor jinkludi kull dħul ieħor ta' fondi tal-pensjonijiet għajr għal kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet u dħul minn investimenti ta' fondi tal-pensjonijiet, bħal dħul minn kummissjonijiet u dħul ieħor.

Kodiċi: 48 03 0

Isem: Nefqa totali fuq pensjonijiet

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli għandha tinkludi t-tipi kollha ta' nfiq lill-membri tal-iskema tal-pensjoni u d-dipendenti tagħhom, trasferimenti ħerġin, eċċ. Hija koperta hawn in-nefqa, li hija wkoll dħul relatat ma' riskji ttrasferiti lil impriżi tal-assigurazzjoni.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

In-nefqa totali fuq pensjonijiet (48 03 0) hija kkalkolata hekk kif ġej:

Pagamenti regolari tal-pensjoni (48 03 1)

+ Pagamenti tal-pensjoni b'somma (48 03 2)

+ Trasferimenti ħerġin (48 03 3).

Kodiċi: 48 03 1

Isem: Pagamenti regolari tal-pensjoni

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-pagamenti kollha ta' pensjonijiet, li huma ta' natura regolari (jiġifieri annwalità).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Pagamenti regolari tal-pensjoni (48 03 1) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Nefqa totali fuq pensjonijiet (48 03 0).

Kodiċi: 48 03 2

Isem: Pagamenti tal-pensjoni b'somma

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-pagamenti kollha tal-pensjoni, li huma pagamenti b'somma.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Pagamenti tal-pensjoni b'somma (48 03 2) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Nefqa totali fuq pensjonijiet (48 03 0).

Kodiċi: 48 03 3

Isem: Trasferimenti ħerġin

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-trasferimenti kollha ħerġin (ġeneralment l-ammont ta' drittijiet tal-pensjoni ttrasferiti lil fondi oħrajn tal-pensjonijiet jew lil kumpaniji tal-assigurazzjoni meta impjegat jibdel sid ix-xogħol u konsegwentement jaderixxi mal-fond tal-pensjoni jew l-iskema tal-assigurazzjoni tas-sid ix-xogħol il-ġdid tiegħu).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Trasferimenti ħerġin (48 03 3) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Nefqa totali fuq pensjonijiet (48 03 0).

Kodiċi: 48 04 0

Isem: Bidla netta f'dispożizzjonijiet tekniċi (riżervi)

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-tipi kollha ta' bidliet f'dispożizzjonijiet tekniċi netti mir-riassigurazzjoni. Huma inklużi hawn it-trasferimenti deħlin u ħerġin ta' dispożizzjonijiet tekniċi bejn fondi tal-pensjonijiet.

Kodiċi: 48 05 0

Isem: Primjums tal-assigurazzjoni pagabbli

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-total ta' primjums tal-assigurazzjoni pagabbli għat-tipi kollha ta' riskji ttrasferiti lil impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

Kodiċi: 48 06 0

Isem: Spejjeż totali tal-operat

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli għandha tinkludi l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet, ġestjoni tal-portafoll, maniġġjar ta' pagamenti tal-pensjonijiet kif ukoll kummissjonijiet, spejjeż esterni oħrajn fuq oġġetti u servizzi u spejjeż tal-persunal.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

L-ispejjeż totali tal-operat (48 06 0) huwa kkalkolat hekk kif ġej:

Spejjeż tal-persunal (13 31 0)

+ Akkwisti totali ta' oġġetti u servizzi (13 11 0).

Kodiċi: 48 07 0

Isem: It-taxxi kollha

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-taxxi diretti kollha pagabbli (pereżempju fuq dħul minn investimenti, eċċ.) mill-fond tal-pensjoni li mhumiex inklużi fl-ispejjeż esterni fuq oġġetti u servizzi jew fi spejjeż tal-persunal.

Kodiċi: 48 08 0

Isem: Fatturat ta' fondi tal-pensjonijiet mhux awtonomi

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha tal-pensjonijiet, fir-rigward ta' kuntratti tal-pensjonijiet, magħmula fir-riżerva matul is-sena finanzjarja.

Kodiċi: 48 10 0

Isem: Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli hija s-somma tal-varjabbli li ġejjin: Art u bini (PF) (48 11 0) + Investimenti f'impriżi affiljati u interessi parteċipanti (PF) (48 12 0) + Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 0) + Unitajiet f'impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (48 14 0) + Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss (48 15 0) + Parteċipazzjoni f'għemghat ta' investimenti (48 16 0) + Self garantit b'ipoteki u self ieħor mhux kopert xi mkien ieħor (48 17 0) + Investimenti oħrajn (48 18 0).

Kodiċi: 48 10 1

Isem: Investimenti totali investiti fl-"impriża li tisponsorja"

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-investimenti kollha fl-impriżi li jisponsorjaw, bħal ishma tal-impriżi li jisponsorjaw, titoli ta' dejn maħruġa minn, u self lil, l-impriżi li jisponsorjaw, eċċ. L-impriżi li jisponsorjaw huwa dawk li jħaddmu, li jħallsu l-kontribuzzjonijiet fil-fond tal-pensjonijiet għall-impjegati tagħhom.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Investimenti totali investiti fl-"impriża li tisponsorja" huwa parti mill-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 10 4

Isem: Investimenti totali f'valuri tas-suq

Anness: VII

Definizzjoni:

Parteċipazzjoni f'għemghat ta' investimenti (48 16 0) + Self garantit b'ipoteki u self ieħor mhux kopert xi mkien ieħor (48 17 0) + Investimenti oħrajn (48 18 0.) f'valuri tas-suq.

Nota: Il-varjabbli Investimenti totali f'valuri tas-suq (48 10 4) irid jiġi trażmess biss jekk il-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0) ma jiġix ppreżentat f'valuri tas-suq.

Kodiċi: 48 11 0

Isem: Art u bini (PF)

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-art u l-bini kollu li hu tal-fond tal-pensjonijiet.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Art u bini (PF) (48 11 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 12 0

Isem: Investimenti f'impriżi affiljati u interessi parteċipanti (PF)

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi ishma f'impriżi affiljati, sigurtajiet ta' dejn maħruġa minn, u self lil, impriżi affiljati, interessi parteċipanti u titoli ta' dejn maħruġa minn, u self lil, impriżi ma' liema huwa marbut fond tal-pensjonijiet permezz ta' interess parteċipanti. Teskludi l-investimenti inklużi taħt l-entrata 48 10 1.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Investimenti f'impriżi affiljati u interessi parteċipanti (PF) (48 12 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 13 0

Isem: Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-tipi kollha ta' ishma kkwotati u mhux ikkwotati u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli huma inklużi taħt din l-entrata, ħlief għal dawk inklużi taħt l-entrati 48 12 0 u 48 14 0.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0) u hija bbażata fuq:

Ishma kummerċjalizzati fuq suq regolat (48 13 1)

+ Ishma li mhumiex ikkummerċjalizzati pubblikament (48 13 3)

+ Titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 4).

Kodiċi: 48 13 1

Isem: Ishma kkummerċjalizzati fuq suq regolat

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-ishma kollha kkwotati fuq suq ta' skambju.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Ishma kkummerċjalizzati fuq suq regolat (48 13 1) hija parti mill-varjabbli Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 0).

Kodiċi: 48 13 2

Isem: Ishma kkummerċjalizzati fuq suq regolat speċjalizzat fl-SMEs

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-ishma kollha kkwotati fuq swieq regolati speċjalizzati f'kumpaniji innovattivi u ta' tkabbir għoli u SMEs. Dawn is-swieq huma magħrufa wkoll bħala Swieq tan-Negożju ta' Daqs Żgħir u Medju (swieq SMB) jew Swieq Paralleli. Dawn is-swieq jipprovdu faċilità ta' skambju fejn it-titoli elenkati ta' kumpaniji ta' daqs żgħir u medju jistgħu jiġu kkummerċjalizzati b'mod effiċjenti u kompetittiv.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Ishma kkummerċjalizzati fuq suq regolat speċjalizzat fl-SMEs (48 13 2) hija parti mill-varjabbli Ishma kkummerċjalizzati fuq suq regolat (48 13 1).

Kodiċi: 48 13 3

Isem: Ishma mhux ikkummerċjalizzati pubblikament

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-ishma kollha mhux ikkwotati fuq suq ta' skambju.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Ishma mhux ikkummerċjalizzati pubblikament (48 13 3) hija parti mill-varjabbli Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 0).

Kodiċi: 48 13 4

Isem: Titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-titoli l-oħrajn kollha ta' rendiment varjabbli li ma jidhrux taħt intestaturi oħrajn.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 4) hija parti mill-varjabbli Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 0).

Kodiċi: 48 14 0

Isem: Unitajiet f'impriżi għal investment kollettiv f'titoli trasferibbli

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-tipi kollha ta' unitajiet f'impriżi għal investment kollettiv f'titoli trasferibbli kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ⁽¹⁾. Din tinkludi wkoll fondi miftuħa u impriżi simili għal investment kollettiv.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Unitajiet f'impriżi għal investment kollettiv f'titoli trasferibbli (48 14 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 15 0

Isem: Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi titoli ta' dejn negozjabbli u titoli oħrajn ta' dħul fiss maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu, minn impriżi oħrajn jew minn korpi pubbliċi ħlief għal dawk inklużi taħt l-entrata 48 12 0. It-titoli li għandhom rata tal-imgħax, li tvarja skont fatturi speċifiċi, pereżempju r-rata tal-imgħax fuq is-suq interbankarju jew fis-suq tal-Euro, ukoll ser ikunu meqjusa bħala titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss (48 15 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0) u hija bbażata fuq:

Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi (48 15 1)

+ Titoli ta' dejn oħrajn u titoli oħrajn ta' dħul fiss (48 15 2)

⁽¹⁾ ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3

Kodiċi: 48 15 1

Isem: Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss maħruġa jew iggarantiti minn gvernijiet ċentrali u lokali u amministrazzjonijiet pubbliċi.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi (48 15 1) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss (48 15 0).

Kodiċi: 48 15 2

Isem: Titoli ta' dejn oħrajn u titoli oħrajn ta' dħul fiss

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-titoli ta' dejn l-oħrajn kollha u titoli oħrajn ta' dħul fiss (pereżempju bonds korporattivi).

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Titoli ta' dejn oħrajn u titoli oħrajn ta' dħul fiss (48 15 2) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Titoli ta' dejn u titoli oħrajn ta' dħul fiss (48 15 0).

Kodiċi: 48 16 0

Isem: Parteċipazzjoni f'għemgħat ta' investimenti (PF)

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi ishma miżmuma minn impriża f'investimenti konġunti kkostitwiti minn bosta impriżi jew fondi tal-pensjonijiet, li l-ġestjoni tagħhom għet f'data lil waħda minn dawk l-impriżi jew lil manigġers ta' fondi indipendenti.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Parteċipazzjoni f'għemgħat ta' investimenti (PF) (48 16 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 17 0

Isem: Self garantit b'ipoteki u self ieħor mhux kopert xi mkien ieħor

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi t-tipi kollha ta' self ta' fondi tal-pensjonijiet iggarantiti jew le minn ipoteki.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Self garantit b'ipoteki u self ieħor mhux kopert xi mkien ieħor (48 17 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 18 0

Isem: Investimenti oħrajn

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-investimenti l-oħrajn kollha li mhumiex parti mill-entrati preċedenti ta' investiment, bħal depożiti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, flus kontanti, investimenti oħrajn fuq żmien qasir, derivattivi jew investimenti oħrajn.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Investimenti oħrajn (48 18 0) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 20 0

Isem: Assi oħrajn

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-assi l-oħrajn kollha li ma jidhrux taħt investimenti.

Kodiċi: 48 30 0

Isem: Kapital u riżervi

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi kapital u riżervi li mhumiex formalment allokat għal benefiċjarji ta' pensjonijiet, bħal kapital tal-ekwità, riżervi jew fondi ekwivalenti oħrajn.

Kodiċi: 48 40 0

Isem: Dispożizzjonijiet tekniċi netti (PF)

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi dispożizzjonijiet tekniċi netti tar-riassigurazzjoni allokat lil benefiċjarji tal-pensjonijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet tekniċi normalment huma vvalutati skont il-prinċipji attwarjali.

Kodiċi: 48 50 0

Isem: Passivi oħrajn

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-passivi l-oħrajn kollha li mhumiex irreġistrati taħt kapital u riżervi jew dispożizzjonijiet tekniċi netti.

Kodiċi: 48 61 0

Isem: Tqassim ġeografiku tal-fatturat

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha tal-pensjonijiet kif definiti fil-varjabbli "Fatturat" (12 11 0), dovuti matul is-sena finanzjarja, bħal kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha, kontribuzzjonijiet addizzjonali volontarji, kontribuzzjonijiet oħrajn, imqassmin f'dawn il-pajjiżi li ġejjin: il-pajjiż tal-post, pajjiżi (oħrajn) tal-UE, pajjiżi oħrajn taż-ŻEE, l-Istati Uniti u l-Kanada, il-Ġappun, u l-kumplament tad-dinja.

Nota: Il-kriterju għall-allokazzjoni tal-fatturat isegwi r-residenza tal-membri kontribwenti.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Tqassim ġeografiku tal-Fatturat hija tqassim ulterjuri tal-varjabbli Fatturat (12 11 0).

Kodiċi: 48 62 0

Isem: Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli mqassmin skont il-post

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli kif definiti fil-varjabbli Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 0) imqassmin skont il-post. Jiġu kkunsidrati ż-żoni li ġejjin: il-pajjiż tal-post, pajjiżi (oħrajn) tal-UE, pajjiżi oħrajn taż-ŻEE, l-Istati Uniti u l-Kanada, il-Ġappun, u l-kumplament tad-dinja.

Nota: Il-post tas-sehem jikkorrispondi għall-post fejn id-ditta li qed toħroġ is-sehem hija inkorporata.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli mqassmin skont il-post (48 62 0) hija tqassim ulterjuri tal-varjabbli Ishma u titoli oħrajn ta' rendiment varjabbli (48 13 0).

Kodiċi: 48 63 0

Isem: Investimenti totali mqassmin skont il-post

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi investimenti totali kif definiti fil-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0) imqassmin skont il-post. Jiġu kkunsidrati ż-żoni li ġejjin: il-pajjiż tal-post, pajjiżi (oħrajn) tal-UE, pajjiżi oħrajn taż-ŻEE, l-Istati Uniti u l-Kanada, il-Ġappun, u l-kumplament tad-dinja.

Nota: Il-post ta' art u bini huwa definit bħala ż-żona li fiha jinsabu dawn l-assi. Investimenti f'kumpaniji fiduċjarji tal-unità huma allokati bi qbil mal-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji fiduċjarji tal-unità. Investimenti f'titoli ta' dħul fiss huma allokati fuq bażi tal-inkorporazzjoni legali tal-oriġinatur. Il-post tas-sehem jikkorrispondi għall-post fejn hija inkorporata d-ditta li qed toħroġ is-sehem.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Investimenti totali mqassmin skont il-post (48 63 0) hija tqassim ulterjuri tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 64 0

Isem: Investimenti totali mqassmin f'komponenti tal-euro u mhux tal-euro

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi investimenti totali kif definiti fil-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0) imqassmin skont il-munita. Jiġi kkunsidrat it-tqassim bil-munita kif ġej: euro, oħrajn.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Investimenti totali mqassmin f'komponenti tal-euro u mhux tal-euro (48 64 0) hija tqassim ulterjuri tal-varjabbli Investimenti totali ta' fondi tal-pensjonijiet (48 10 0).

Kodiċi: 48 70 0

Isem: Numru ta' membri

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi n-numru totali ta' membri li l-iskemi tal-pensjonijiet tagħhom – kif definiti fil-varjabbli Numru ta' skemi tal-pensjonijiet (11 61 0) – huma taħt l-amministrazzjoni tal-fondi tal-pensjonijiet. Dan jinkludi n-numru ta' membri attivi, membri differiti u persuni ritirati. In-numru ta' membri għandu jingħadd fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0) huwa kkalkolat hekk kif ġej:

Numru ta' membri fi skemi definiti ta' benefiċċji (48 70 1)

+ Numru ta' membri fi skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet (48 70 2)

+ Numru ta' membri fi skemi ibridi (48 70 3)

jew

Numru ta' membri attivi (48 70 4)

+ Numru ta' membri differiti (48 70 5)

+ Numru ta' persuni rtirati (48 70 6).

Kodiċi: 48 70 1

Isem: Numru ta' membri fi skemi definiti ta' benefiċċji

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi n-numru totali ta' membri fi skemi definiti ta' benefiċċji. Dan jinkludi n-numru ta' membri attivi, membri differiti u membri rtirati.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Numru ta' membri fi skemi definiti ta' benefiċċji (48 70 1) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0).

Kodiċi: 48 70 2

Isem: Numru ta' membri fi skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi n-numru totali ta' membri fi skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet. Dan jinkludi n-numru ta' membri attivi, membri differiti u membri rtirati.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Numru ta' membri fi skemi definiti ta' kontribuzzjonijiet (48 70 2) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0).

Kodiċi: 48 70 3

Isem: Numru ta' membri fi skemi ibridi

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi n-numru totali ta' membri fi skemi ibridi. Dan jinkludi n-numru ta' membri attivi, membri differiti u membri rtirati.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Numru ta' membri fi skemi ibridi (48 70 3) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0).

Kodiċi: 48 70 4

Isem: Numru ta' membri attivi

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi n-numru ta' membri li qegħdin jikkontribwixxu attivament għal skema tal-pensjonijiet.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Numru ta' membri attivi (48 70 4) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0).

Kodiċi: 48 70 5

Isem: Numru ta' membri differiti

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi n-numru ta' membri li telqu mill-iskema tal-pensjonijiet, iżda għandhom drittijiet differiti.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Numru ta' membri differiti (48 70 5) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0).

Kodiċi: 48 70 6

Isem: Numru ta' membri ritirati

Anness: VII

Definizzjoni:

Din il-varjabbli tinkludi n-numru ta' persuni li jirċievu benefiċċji tal-pensjonijiet.

Rabta ma' varjabbli oħrajn

Il-varjabbli Numru ta' membri ritirati (48 70 6) tintuża fil-kalkolu tal-varjabbli Numru ta' membri (48 70 0).

ANNEX II

Il-format tekniku għat-trażmissjoni tal-istatistika strutturali tan-negozji

1. L-GHAMLTA TAD-DEJTA

L-istandardizzazzjoni ta' strutturi ta' rekords tad-dejta hija fundamentali għall-ipproċessar effiċjenti tad-dejta. Huwa stadju meħtieġ għall-provvediment ta' dejta li tkun konformi mal-istandards ta' skambju speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat).

Id-dejta tintbagħat bħala sett ta' rekords li parti kbira minnha tiddekrivi l-karatteristiċi tad-dejta (pajjiż, sena, attività ekonomika, eċċ.). Id-dejta nnifisha hija numru li jista' jkun marbut ma' sinjali u noti tal-qiegħ bi spjegazzjoni użati għaż-żieda ta' spjegazzjonijiet għal dejta li jagħtu lill-utenti informazzjoni addizzjonali dwar pereżempju bidliet estremi minn sena għal sena.

Dejta kunfidenzjali trid tintbagħat bil-valur veru mniżżel fis-sezzjoni tal-valur u sinjal li jindika n-natura tad-dejta kunfidenzjali li tkun qiegħda tiġi miżjuda mar-rekord. Il-Kummissjoni (Eurostat) tipprovdi gwida supplimentari dwar l-użu korrett tas-sinjali ta' kunfidenzjalità li għandhom jiġu segwiti minn fornituri tad-dejta sabiex tkun permessa l-applikazzjoni korretta tar-regoli ta' kunfidenzjalità meta jkun qed jitqassmu l-aggregati tal-Komunità Ewropea. L-Istati Membri jridu jipprovdu l-livelli kollha ta' aggregazzjoni tat-tqassim kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni li jinkludi s-sensjela ta' dejta li trid tiġi pprovduta. Barra minn hekk, id-dejta jrid ikollha s-sinjali ta' kunfidenzjalità sekondarji kollha skont ir-regoli ta' kunfidenzjalità li jeżistu fil-livell nazzjonali.

Irid jiġi pprovdut fajl wieħed għal kull sensjela ta' dejta. Għandhom jintużaw ismijiet speċifiċi ta' fajls kif speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat). Il-Kummissjoni (Eurostat) tipprovdi dokumentazzjoni dettaljata fir-rigward ta' dawn il-listi ta' kodiċijiet u tipprovdi gwida supplimentari fir-rigward tal-format tat-trażmissjoni.

L-Istati Membri jridu jipprovdu settijiet sħaħ għas-sensjeli kollha ta' dejta li jridu jiġu pprovduti fosthom ir-rekords għad-dejta kollha meħtieġa mir-Regolament 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li mhijiex disponibbli, jiġifieri li ma tingabax fl-Istat Membru. Din titniżżel bil-kodiċi "na" fis-sezzjoni tal-valur. Huma jridu jipprovdu wkoll settijiet kompluti meta tintbagħat dejta riveduta jew ikkoreġuta. Dejta dwar attivitajiet/fenomeni li ma jeżistux fl-Istat Membru għandha titniżżel fir-rekord bħala żero (kodiċi "0" fis-sezzjoni tal-valur). Il-kodiċi "0" fis-sezzjoni tal-valur jista' jintuża wkoll għal attivitajiet li jeżistu għal liema d-dejta hija żgħira u tiġi żero meta ssir f'ċifra tonda. Dejta monetarja trid tiġi espressa f'eluf ta' unitajiet tal-munita nazzjonali (Euro għall-pajjiżi fiż-żona tal-Euro). Pajjiżi li deklin fiż-żona tal-Euro għandhom jirrapportaw id-dejta monetarja f'Euro għall-istatistika strutturali tan-negozji dovuta fis-sena tal-ażżjoni tagħhom.

Id-dejta li ma tirrispettax id-dispożizzjonijiet għall-format tekniku stipulati f'dan ir-Regolament titqies li ma ntbagħtitx.

2. IDENTIFIKATUR TAS-SETT TAD-DEJTA

L-identifikaturi tas-sett tad-dejta li ġejjin jintużaw għar-rapportar tal-istatistika strutturali tan-negozji:

Tip tas-sensjela	Isem	Identifikatur tas-sett tad-dejta
<i>Servizzi</i>		
Statistika annwali ta' impriżi għas-servizzi	1A	RSBSSERV_1A1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont il-klassi tad-daqs ta' impjegji għas-servizzi	1B	RSBSSERV_1B1_A
Statistika annwali reġjonali għas-servizzi	1C	RSBSSERV_1C1_A
Statistika annwali ta' impriżi għall-bank ċentrali	1D	RSBSSERV_1D1_A
Statistika annwali ta' impriżi għal aggregati speċjali ta' attivitajiet	1E	RSBSSERV_1E1_A
Riżultati preliminari għas-servizzi	1P	RSBSSERV_1P1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont in-NACE Rev.1.1 għas-servizzi (sena ta' referenza 2008)	1Z	RSBSSERV_1Z1_A
<i>Industrija</i>		
Statistika annwali ta' impriżi għall-industrija	2A	RSBSIND_2A1_A

Tip tas-sensjela	Isem	Identifikatur tas-sett tad-dejta
Statistika annwali ta' impriżi skont il-klassi tad-daqs ta' impjegi għall-industrija għall-industrija	2B	RSBSIND_2B1_A
Statistika annwali reġjonali għall-industrija	2C	RSBSIND_2C1_A
Statistika annwali tal-KAU) għall-industrija	2D	RSBSIND_2D1_A
Statistika multiannwali ta' investimenti intanġibbli għall-industrija	2E	RSBSIND_2E1_3
Statistika multiannwali ta' sottokuntratti għall-industrija	2F	RSBSIND_2F1_3
Statistika multiannwali tat-tqassim tal-fatturat għall-industrija	2G	RSBSIND_2G1_5
Statistika annwali ta' impriżi dwar nefqa għall-ħarsien tal-ambjent imqassma skont l-oqsma ambjentali għall-industrija	2H	RSBSIND_2H1_A
Statistika annwali ta' impriżi dwar nefqa għall-ħarsien tal-ambjent imqassma skont il-klassijiet tad-daqs għall-industrija	2I	RSBSIND_2I1_A
Statistika multiannwali ta' impriżi dwar nefqa għall-ħarsien tal-ambjent imqassma skont l-oqsma ambjentali għall-industrija	2J	RSBSIND_2J1_3
Statistika multiannwali ta' impriżi dwar nefqa għall-ħarsien tal-ambjent imqassma skont il-klassijiet tad-daqs għall-industrija	2K	RSBSIND_2K1_3
Riżultati preliminari għall-industrija	2P	RSBSIND_2P1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont in-NACE Rev.1.1 għall-industrija (sena ta' referenza 2008)	2Z	RSBSIND_2Z1_A
<i>Kummerċ tad-distribuzzjoni</i>		
Statistika annwali ta' impriżi għall-kummerċ tad-distribuzzjoni	3A	RSBSTRAD_3A1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont il-klassi tad-daqs ta' impjegi għall-kummerċ tad-distribuzzjoni	3B	RSBSTRAD_3B1_A
Statistika annwali reġjonali għall-kummerċ tad-distribuzzjoni	3C	RSBSTRAD_3C1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont il-klassi tad-daqs tal-fatturat għall-kummerċ tad-distribuzzjoni	3D	RSBSTRAD_3D1_A
Statistika multiannwali ta' impriżi – Tqassim tal-fatturat skont it-tip tal-prodott għal Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija ta' vetturi u muturi	3E	RSBSTRAD_3E1_5
Statistika multiannwali ta' impriżi – Tqassim tal-fatturat skont it-tip tal-prodott għal kummerċ bl-ingrossa	3F	RSBSTRAD_3F1_5
Statistika multiannwali ta' impriżi – Tqassim tal-fatturat skont it-tip tal-prodott għal kummerċ bl-imnut	3G	RSBSTRAD_3G1_5
Statistika multiannwali ta' impriżi – Tqassim tal-fatturat skont it-tip ta' attività għal Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija ta' vetturi u muturi	3H	RSBSTRAD_3H1_5
Statistika multiannwali ta' impriżi – Tqassim tal-fatturat skont it-tip ta' attività għal kummerċ bl-ingrossa	3I	RSBSTRAD_3I1_5
Statistika multiannwali ta' impriżi – Tqassim tal-fatturat skont it-tip ta' attività u numru ta' ħwienet għal kummerċ bl-imnut	3J	RSBSTRAD_3J1_5
Statistika multiannwali reġjonali għall-kummerċ tad-distribuzzjoni	3K	RSBSTRAD_3K1_5
Riżultati preliminari għall-kummerċ tad-distribuzzjoni	3P	RSBSTRAD_3P1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont in-NACE Rev.1.1 għall-kummerċ tad-distribuzzjoni (sena ta' referenza 2008)	3Z	RSBSTRAD_3Z1_A
<i>Kostruzzjoni</i>		
Statistika annwali ta' impriżi għall-kostruzzjoni	4A	RSBSCON_4A1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont il-klassi tad-daqs għall-kostruzzjoni	4B	RSBSCON_4B1_A
Statistika annwali reġjonali għall-kostruzzjoni	4C	RSBSCON_4C1_A

Tip tas-sensjela	Isem	Identifikatur tas-sett tad-dejta
Statistika annwali tal-KAU għall-kostruzzjoni	4D	RSBSCON_4D1_A
Statistika multiannwali ta' investimenti intanġibbli għall-kostruzzjoni	4E	RSBSCON_4E1_3
Statistika multiannwali ta' sottokuntratti għall-kostruzzjoni	4F	RSBSCON_4F1_3
Tqassim multiannwali tal-istatistika tal-fatturat għall-kostruzzjoni	4G	RSBSCON_4G1_3
Statistika multiannwali ta' sottokuntratti skont il-klassi tad-daqs għall-kostruzzjoni	4H	RSBSCON_4H1_3
Riżultati preliminari għall-kostruzzjoni	4P	RSBSCON_4P1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont in-NACE Rev.1.1 għall-kostruzzjoni (sena ta' referenza 2008)	4Z	RSBSCON_4Z1_A
<i>Servizzi tal-assigurazzjoni</i>		
Statistika annwali ta' impriżi għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5A	RSBSINS_5A1_A
Statistika annwali ta' impriżi mqassma skont il-forma legali għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5B	RSBSINS_5B1_A
Statistika annwali ta' impriżi mqassma skont il-pajjiż ta' residenza tal-impriża ewlenija għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5C	RSBSINS_5C1_A
Statistika annwali ta' impriżi mqassma skont il-klassi tad-daqs ta' Primjums grossi miktuba għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5D	RSBSINS_5D1_A
Statistika annwali ta' impriżi mqassma skont il-klassi tad-daqs ta' dispożizzjonijiet tekniċi grossi għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5E	RSBSINS_5E1_A
Statistika annwali ta' impriżi mqassma skont il-prodott għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5F	RSBSINS_5F1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont it-tqassim ġeografiku inklużi pajjiżi terzi għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5G	RSBSINS_5G1_A
Statistika annwali ta' impriżi skont it-tqassim ġeografiku skont l-Istat Membru għas-servizzi tal-assigurazzjoni	5H	RSBSINS_5H1_A
<i>Istituzzjonijiet ta' kreditu</i>		
Statistika annwali ta' impriżi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu	6A	RSBSCI_6A1_A
Statistika annwali ta' impriżi mqassma skont il-forma legali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu	6B	RSBSCI_6B1_A
Statistika annwali ta' impriżi mqassma skont il-pajjiż ta' residenza tal-impriża ewlenija għall-istituzzjonijiet ta' kreditu	6C	RSBSCI_6C1_A
